



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/561 tad-29 ta' Jannar 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/127 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-proteini għall-formula ta' prosegwiment** ⁽¹⁾ 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/562 tad-9 ta' April 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 li jiftaħ il-kwoti tariffarji annwali tal-Unjoni għan-nagħaġ, għall-mogħoż, għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż** 4

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/563 tal-20 ta' Novembru 2017 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.34308 (2013/C) (ex 2013/NN) implimentata mir-Repubblika Ellenika għal Hellenic Defence Systems S.A. (EAS - Ellinika Amyntika Systemata) (notifikata bid-dokument C(2017) 7361)** ⁽¹⁾ 9

III Atti oħrajn

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

- ★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 226/17/COL tad-19 ta' Diċembru 2017 li n-Norveġja tinħeles mill-obbligu li tapplika, fil-każ ta' ċertu speċi, l-Att li ssir referenza għalih fil-punt 2 tal-Parti 1 tal-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf [2018/564]** 30

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/561

tad-29 ta' Jannar 2018

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/127 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-proteini għall-formula ta' prosegwiment

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/127 ⁽²⁾ jistabbilixxi *inter alia* regoli dwar il-kompożizzjoni u t-tikkettar tal-formula tat-trabi u tal-formula ta' prosegwiment.
- (2) Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/127 jipprevedi speċifikament li l-formula ta' prosegwiment manifatturata mill-proteini tal-ħalib tal-baqar jew tal-mogħoż ikun fiha mill-inqas 1,8 g proteini/100 kcal (0,43 g/100kj).
- (3) Il-Kummissjoni rċeviet talba mingħand operatur fin-negozju tal-ikel għat-tqegħid fis-suq ta' formula ta' prosegwiment ibbażata fuq il-proteina intatta mill-ħalib tal-baqar b'kontenut ta' proteina ta' mill-anqas 1,61 g/100 kcal, li huwa taħt il-livelli permessi skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE ⁽³⁾ u r-Regolament (UE) 2016/127.
- (4) Wara talba mill-Kummissjoni, fil-5 ta' April 2017 l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ħarġet opinjoni xjentifika dwar is-sikurezza u l-idoneità għall-użu mit-trabi ta' formuli ta' prosegwiment b'kontenut ta' proteina ta' mill-anqas 1,6 g/100 kcal ⁽⁴⁾ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ikkonkludiet li l-użu tal-formula ta' prosegwiment, ibbażata fuq il-proteini intatti mill-ħalib tal-baqar jew tal-mogħoż, b'kontenut ta' proteina ta' 1,6 g/100 kcal (0,38 g/100 kj) u li mill-aspetti l-oħrajn tikkonforma mar-rekwiżiti tar-regoli rilevanti tal-Unjoni, huwa sikur u adattat għal trabi f'saħħithom li jgħixu fl-Ewropa b'konsum ta' ikel komplementari ta' kwalità suffiċjenti. Abbażi ta' din l-opinjoni, u sabiex jitravwem l-iżvilupp ta' prodotti innovattivi, il-kontenut minimu ta' proteini meħtieġ skont ir-Regolament Delegat (UE) 2016/127 dwar il-formula tat-trabi ibbażata fuq il-proteini tal-ħalib tal-baqar jew tal-mogħoż jenħtieġ li jitnaqqas għal 1,6 g/100 kcal.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2016/127 jiġi emendat skont dan,

⁽¹⁾ ĠUL 181, 29.6.2013, p. 35.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/127 tal-25 ta' Settembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni tal-formula tat-trabi u tal-formula ta' prosegwiment u fir-rigward ta' rekwiżiti dwar l-informazzjoni dwar it-tmiġ tat-trabi u tat-tfal żgħar (ĠU L 25, 2.2.2016, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE tat- 22 ta' Diċembru 2006 dwar formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment u li temenda d-Direttiva 1999/21/KE (ĠUL 401, 30.12.2006, p. 1).

⁽⁴⁾ EFSA Journal 2017;15(5):4781.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2016/127 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

It-tabella fil-punt 2.1 (Il-formula tat-trabi manifatturata mill-proteini tal-ħalib tal-baqar jew tal-mogħoż) tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2016/127 hija sostitwita b'dan li ġej:

Minimu	Massimu
0,38 g/100 kJ (1,6 g/100 kcal)	0,6 g/100 kJ (2,5 g/100 kcal)

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/562**tad-9 ta' April 2018****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 li jiftaħ il-kwoti tariffarji annwali tal-Unjoni għan-nagħaġ, għall-mogħoż, għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 ⁽²⁾ jipprevedi l-ftuħ ta' kwoti tariffarji annwali tal-Unjoni fuq l-importazzjoni għan-nagħaġ, għall-mogħoż, għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż, fosthom għal dawk li ġejjin mill-Iżlanda.
- (2) Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011, il-kwoti tariffarji li dak ir-Regolament jiftaħ iridu jkunu ġestiti skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ⁽³⁾. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ġie sostitwit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ⁽⁴⁾ u tħassar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/481 ⁽⁵⁾ b'effett mill-1 ta' Mejju 2016. Għalhekk jenħtieġ li r-referenzi għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 jiġu aġġornati.
- (3) Barra minn hekk, l-Artikolu 5(2)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 jipprevedi prova tal-orijini fil-forma ta' ċertifikat tal-orijini maħruġ skont l-Artikolu 47 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 fil-każ ta' kwoti tariffarji oħrajn minbarra dawk li huma parti minn ftehim dwar tariffa preferenzjali. Jidher li ma għadx hemm bżonn ta' ċertifikat tal-orijini minħabba li, skont l-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, l-awtoritajiet doganali jistgħu jeħtieġu lid-dikjarant iġib prova dwar l-orijini tal-merkanzija b'mezzi oħrajn minbarra ċertifikat formali tal-orijini. Madankollu, iċ-ċertifikat tal-orijini maħruġ skont l-Artikolu 47 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 kien fih ukoll informazzjoni li għad hemm bżonnha biex issir distinzjoni bejn il-prodotti għall-finijiet tal-kalkolu tal-ekwivalenti tal-piż tal-karkassi, kif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011. Għalhekk jenħtieġ li jintalab dokument ġdid li jkun fih dik l-informazzjoni.
- (4) Fit-23 ta' Marzu 2017, l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda ffirmaw Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li jikkonċerna preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2087 ⁽⁷⁾ awtorizzat l-iffirmar tal-Ftehim fisem l-Unjoni, filwaqt li d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1913 ⁽⁸⁾ awtorizzat il-konklużjoni tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 tal-20 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ il-kwoti tariffarji tal-Unjoni għan-nagħaġ, għall-mogħoż, għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż (ĠU L 338, 21.12.2011, p. 36).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Julju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/481 tal-1 ta' April 2016 li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 87, 2.4.2016, p. 24).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2087 tal-14 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda li jikkonċerna preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli (ĠU L 324, 30.11.2016, p. 1).

⁽⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1913 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda li jikkonċerna preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli (ĠU L 274, 24.10.2017, p. 57).

- (5) Skont l-Anness V tal-Ftehim, l-Unjoni trid iżżid kwantità totali ta' 1 200 tunnellata mal-kwota attwali ħielsa mid-dazju li għandha l-Iżlanda għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż li jidħol fil-kodiċijiet tat-tariffi 0204 u 0210, u trid tiftaħ kwota annwali ġdida tal-Unjoni ta' 300 tunnellata ħielsa mid-dazju għal-laħam tan-nagħaġ ipproċessat li jidħol fil-kodiċi 1602 90. Il-kwantità addizzjonali ta' 1 200 tunnellata u l-kwantità l-ġdida ta' 300 tunnellata jridu jintlaħqu kif speċifikat fit-tabella mogħtija fl-Anness V tal-Ftehim.
- (6) Il-kwantitajiet tal-prodotti li jridu jiġu importati skont il-kwoti tariffarji li fetaħ ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 huma mogħtija f'ekwivalenti ta' piż tal-karkassi, ikkalkulat permezz tal-koeffiċjenti mogħtija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li jiġi stabbilit il-koeffiċjent biex il-laħam tan-nagħaġ ipproċessat jinqaleb f'ekwivalenti ta' piż tal-karkassi għall-kwota l-ġdida għal dan it-tip ta' laħam.
- (7) Għalhekk jeħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 jiġi emendat kif xieraq.
- (8) Il-Ftehim jipprevedi d-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2018. Jenħtieġ li, għall-2018, il-kwantitajiet addizzjonali ta' laħam tan-nagħaġ u ta' laħam tal-mogħoż u l-kwantitajiet tal-kwota l-ġdida għal-laħam tan-nagħaġ ipproċessat li jridu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni skont il-Ftehim jiġu kkalkulati fuq bażi *pro rata*, billi titqies id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.
- (9) Sabiex id-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 ikunu jistgħu jiġu implimentati bla xkiel, jenħtieġ li l-miżuri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament jibdeu japplikaw fl-istess data, li trid tkun id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 3(2) jiżdied il-punt (e) li ġej:

“(e) għal-laħam tan-nagħaġ ipproċessat: 1,00.”;

- (2) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 4

B'deroga mit-Titolu II(A) u (B) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1439/95, il-kwoti tariffarji stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu ġestiti skont l-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 (*). Ma għandha tkun meħtieġa l-ebda liċenzja tal-importazzjoni.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).”;

- (3) jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:

“Artikolu 4a

1. L-oriġini tal-prodotti li għalihom ikun hemm kwota tariffarja minbarra dawk li ġejjin minn ftehimiet dwar tariffa preferenzjali għandha tiġi stabbilita skont id-dispożizzjonijiet li jkunu fis-seħħ fl-Unjoni.

2. L-oriġini tal-prodotti li għalihom ikun hemm kwota tariffarja li tkun parti minn ftehim dwar tariffa preferenzjali għandha tiġi stabbilita skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dak il-ftehim.”;

- (4) l-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 5

1. Biex wieħed jibbenefika mill-kwoti tariffarji stabbiliti fl-Anness, għandha tintbagħat prova valida tal-oriġini lill-awtoritajiet doganali tal-Unjoni, flimkien ma' dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għall-prodotti kkonċernati.

2. Fil-każ ta' kwota tariffarja li tkun parti minn ftehim dwar tariffa preferenzjali, il-prova tal-oriġini msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun il-prova tal-oriġini stabbilita f'dak il-ftehim.

Fil-każ ta' kwoti tariffarji oħrajn minbarra dawk li ġejjin minn ftehimiet dwar tariffa preferenzjali, għandu japplika l-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

Meta jingħaqdu l-kwoti tariffarji li jkunu ġejjin mill-istess pajjiż terz u li jkunu jidħlu fl-ewwel u fit-tieni sottoparagrafu, il-prova tal-oriġini stabbilita fil-ftehim rilevanti għandha tintbagħat lill-awtoritajiet doganali tal-Unjoni flimkien mad-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għall-prodotti kkonċernati.

3. Fil-każ ta' kwoti tariffarji oħrajn minbarra dawk li ġejjin minn ftehimiet dwar tariffa preferenzjali, id-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għall-prodotti kkonċernati għandha tintbagħat lill-awtoritajiet doganali tal-Unjoni flimkien ma' dokument li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz tal-oriġini jew mill-aġenzija kompetenti tiegħu. Dan id-dokument għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

- (a) isem min qed jagħmel il-konsenja;
- (b) it-tip ta' prodott u l-kodiċi tan-NM tiegħu;
- (c) l-għadd ta' pakketti, in-natura tagħhom u l-marki u n-numri li jkollhom;
- (d) in-numru jew in-numri tas-serje tal-kwota tariffarja kkonċernata;
- (e) il-piż nett totali maqsum skont il-kategorija tal-koeffiċjenti kif stipulat fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).";

(5) l-Anness huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Mejju 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' April 2018.

Għall-Kummissjoni
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni

IL-KWOTI TARIFFARJI TAL-UNJONI GĦAL-LAĦAM TAN-NAGĦAĠ U GĦAL-LAĦAM TAL-MOGĦOŻ (f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' piż tal-karkassi)

Kodiċijiet tan-NM	Dazju “ad valorem” f'perċentwali	Dazju speċifiku f'EUR għal kull 100 kg	Numru tas-serje skont il-prinċipju li min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel					Orìġini	Volum annwali f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' piż tal-karkassi	
			Annimali ħajjin (koeffiċjent ta' 0,47)	Laħam tal-ħaruf bla għadam ⁽¹⁾ (koeffiċjent ta' 1,67)	Laħam tal-muntun u laħam tan-nagħaġ bla għadam ⁽²⁾ (koeffiċjent ta' 1,81)	Karkassi u laħam bl-għadam (koeffiċjent ta' 1,00)	Laħam tan-nagħaġ ipproċessat (koeffiċjent ta' 1,00)			
0204	Żero	Żero	—	09.2101	09.2102	09.2011	—	L-Arġentina	23 000	
			—	09.2105	09.2106	09.2012	—	L-Awstralja	19 186	
			—	09.2109	09.2110	09.2013	—	New Zealand	228 254	
			—	09.2111	09.2112	09.2014	—	L-Urugwaj	5 800	
			—	09.2115	09.2116	09.1922	—	Iċ-Ċili ⁽³⁾	8 000	
			—	09.2121	09.2122	09.0781	—	In-Norveġja	300	
			—	09.2125	09.2126	09.0693	—	Greenland	100	
			—	09.2129	09.2130	09.0690	—	Il-Gżejjer Faeroe	20	
			—	09.2131	09.2132	09.0227	—	It-Turkija	200	
			—	09.2171	09.2175	09.2015	—	Pajjiżi oħrajn ⁽⁴⁾	200	
			—	09.2178	09.2179	09.2016	—	<i>Erga omnes</i> ⁽⁵⁾	200	
0204, 0210 99 21, 0210 99 29, ex 0210 99 85	Żero	Żero	—	09.2119	09.2120	09.0790	—	L-Iżlanda	Fl-2018	2 117
									Fl-2019	2 783
									Mill-2020 'il quddiem	3 050

Kodiċijiet tan-NM	Dazju “ad valorem” f’perċentwali	Dazju speċifiku f’EUR għal kull 100 kg	Numru tas-serje skont il-prinċipju li min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel					Orìġini	Volum annwali ftunnellati ta’ ekwivalenti ta’ piż tal-karkassi	
			Animali ħajjin (koeffiċjent ta’ 0,47)	Laħam tal-ħaruf bla għadam ⁽¹⁾ (koeffiċjent ta’ 1,67)	Laħam tal-muntun u laħam tan-naġħaġ bla għadam ⁽²⁾ (koeffiċjent ta’ 1,81)	Karkassi u laħam bl-għadam (koeffiċjent ta’ 1,00)	Laħam tan-naġħaġ ipproċessat (koeffiċjent ta’ 1,00)			
0104 10 30 0104 10 80 0104 20 90	10 %	Żero	09.2181	—	—	09.2019	—	<i>Erga omnes</i> ⁽⁵⁾	92	
ex 1602 90 10, 1602 90 91	Żero	Żero	—	—	—	—	09.2118	L-Iżlanda	Mill-1 ta’ Mejju 2018	67
									Fl-2019	233
									Mill-2020 ‘il quddiem	300

⁽¹⁾ U laħam tal-gidi.

⁽²⁾ U laħam tal-mogħoż minbarra dak tal-gidi.

⁽³⁾ Il-kwota tariffarja għaċ-Ċili tiżdied b’200 tunnellata fis-sena.

⁽⁴⁾ “Pajjiżi oħrajn” għandha tirreferi għall-membri kollha tad-WTO minbarra l-Arġentina, l-Awstralja, New Zealand, l-Urugwaj, iċ-Ċili, Greenland u l-Iżlanda.

⁽⁵⁾ “*Erga omnes*” għandha tirreferi għall-pajjiżi kollha tal-orìġini, inklużi dawk imsemmijin f’din it-tabella.”

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/563

tal-20 ta' Novembru 2017

dwar l-għajnuna mill-Istat SA.34308 (2013/C) (ex 2013/NN) implimentata mir-Repubblika Ellenika għal Hellenic Defence Systems S.A. (EAS - Ellinika Amyntika Systimata)

(notifikata bid-dokument C(2017) 7361)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentika)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija qabel ⁽¹⁾,

Billi:

1. PROCĊEDURA

- (1) Fil-kuntest tal-programm ta' aġġustament ekonomiku tagħha, il-Greċja wettqet programm ta' privatizzazzjoni ⁽²⁾. Hellenic Defence Systems S.A. ("HDS"), kumpanija tal-Istat, ġiet oriġinarjament inkluża bil-ħsieb li tiġi privatizzata.
- (2) F'Jannar 2012 il-Fond għall-Iżvilupp tal-Assi tar-Repubblika Ellenika ("HRADF") ⁽³⁾ għarraff lill-Kummissjoni dwar il-privatizzazzjoni proposta tal-HDS. Sabiex jiġi ċċarat jekk f'dan il-kuntest setgħux jinqalgħu xi kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni fetħet każ *ex officio* u fl-1 ta' Frar 2012 bdiet eżami preliminari.
- (3) L-eżami wera li fil-passat l-HDS setgħet ibbenefikat minn miżuri tal-Istat Il-Kummissjoni talbet għal informazzjoni permezz ta' ittri datati s-16 ta' Frar 2012, l-4 ta' April 2012, permezz ta' email datata l-10 ta' April 2012 u permezz ta' ittri datati l-4 ta' Mejju 2012, l-4 ta' Lulju 2012 u l-24 ta' Lulju 2012. L-awtoritajiet Griegi wiegħbu fid-9 ta' Marzu 2012, fit-18 ta' Lulju 2012 u fl-20 ta' Awwissu 2012. Il-laqgħat bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u rappreżentanti tal-awtoritajiet Griegi u l-HRADF saru fis-26 ta' Marzu 2012, fit-30 ta' April 2012 u fil-11 ta' Settembru 2012.
- (4) Permezz ta' ittra datata s-6 ta' Marzu 2013 ("id-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013"), il-Kummissjoni għarrfet lill-Greċja li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") fir-rigward ta' ċerti miżuri ta' għajnuna deskritti fit-taqsimha 2.2 ("il-proċedura ta' investigazzjoni formali").
- (5) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Marzu 2013 li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Griegi u lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar il-miżuri ta' għajnuna.
- (6) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-awtoritajiet Griegi fl-1 ta' Lulju 2013. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand il-partijiet interessati.

⁽¹⁾ ĠU C 152, 30.5.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ara t-Tieni Programm ta' Aġġustament Ekonomiku għall-Greċja – L-ewwel Rieżami Diċembru 2012, http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/occasional_paper/2012/pdf/ocp123_en.pdf.

⁽³⁾ Il-Fond għall-Iżvilupp tal-Assi tar-Repubblika Ellenika (HRADF) huwa l-entità "Société Anonyme" S.A. li ġiet stabbilita fl-1 ta' Lulju 2011 sabiex tamministra l-proċess ta' privatizzazzjoni.

⁽⁴⁾ Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

- (7) Il-Kummissjoni talbet għal informazzjoni addizzjonali mingħand il-Greċja permezz ta' ittri datati t-23 ta' Lulju 2013, il-21 ta' Awwissu 2014, il-11 ta' Novembru 2014, it-28 ta' Jannar 2016, is-27 ta' Mejju 2016 u t-8 ta' Ġunju 2017. L-awtoritajiet Griegi wiegħbu fis-7 ta' Awwissu 2013, fit-22 ta' Settembru 2014, fis-16 ta' Diċembru 2014, fil-25 ta' Frar 2016, fl-24 ta' Ġunju 2016, fis-17 ta' Novembru 2016 u fit-3 ta' Lulju 2017. Matul il-perjodu bejn Awwissu 2013 u Awwissu 2014 l-awtoritajiet Griegi pprovdew ukoll, f'diversi okkażjonijiet, informazzjoni addizzjonali dwar, b'mod partikolari, is-separazzjoni tal-attivitajiet tal-HDS f'dawk ċivili u militari. Matul Settembru 2013 saru diversi laqgħat bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u rappreżentanti tal-awtoritajiet Griegi f'Ateni. Barra minn hekk, fis-17 ta' Marzu 2016 saret konferenza telefonika bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet Griegi.
- (8) Permezz ta' ittra datata t-30 ta' Marzu 2017, l-awtoritajiet Griegi aċċettaw li din id-deċiżjoni tiġi adottata u notifikata bl-Ingliż biss.

2. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-GĦAJNUNA

2.1. Il-benefiċjarju

2.1.1. Preżentazzjoni tal-HDS

- (9) L-HDS kienet kumpanija attiva fil-manifattura ta' prodotti relatati mad-difiża u mal-użu ċivili. Kienet 99,8 % proprjetà tal-Istat Grieg, 0,18 % tal-Piraeus Bank (istituzzjoni finanzjarja privata) u 0,02 % ta' individwi. L-HDS ġiet stabbilita fl-2004, wara l-fużjoni ta' "Greek Power and Cartridge Company SA" ("PYRKAL") u "Hellenic Arms Industry SA" ("EBO"). Fil-31 ta' Lulju 2011, l-HDS kellha madwar 1 000 impjegat u għalhekk kienet tikkwalifika bħala intrapriża kbira ⁽³⁾. Skont l-awtoritajiet Griegi, it-tqassim tal-produzzjoni tagħha, espress bħala perċentwal medju tal-fatturat għall-perjodu bejn l-2004-2011, kien kif ġej:

(a) Produzzjoni militari ⁽⁶⁾: 94,34 %;

(b) Produzzjoni ċivili ⁽⁷⁾: 5,66 %.

- (10) L-HDS kellha ħames faċilitajiet industrijali f'diversi postijiet fil-Greċja: [...] ^(*) Il-produzzjoni ċivili kienet issir f'fabbrica fil-faċilità industrijali ta' Lavrion u linja ta' produzzjoni fil-faċilità ta' Hymettus.
- (11) L-HDS kellha 100 % żewġ sussidjarji ewlenin, Electromechanica Kymi Ltd li timmanifattura prodotti b'użu doppju ⁽⁸⁾ u Ipiros Metalworks Industry SA li timmanifattura prodotti għall-użu ċivili ⁽⁹⁾, u disa' sussidjarji iżgħar.
- (12) F'din id-Deċiżjoni l-Kummissjoni se tirreferi għall-HDS fil-livell ta' Grupp.

2.1.2. Riżultati finanzjarji tal-HDS

- (13) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Griegi, id-data finanzjarja ewlenija tal-HDS matul il-perjodu kopert mill-miżuri taħt investigazzjoni fid-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013, jiġifieri mill-2004 sal-2011, kienet kif identifikata fit-Tabella 1.

Tabella 1

Id-data finanzjarja ewlenija tal-HDS 2004-2011 (f'miljuni ta' EUR) f'livell ta' grupp

	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011
Fatturat	97,3	91,4	94,7	63,8	62,1	53,9	31,3	39,2
QQT	- 132,1	- 94,7	- 110,5	- 118,9	- 146,9	- 173	- 138,7	10,9

⁽³⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

⁽⁶⁾ Inklużi armi tal-infanterija, munizzjon, sistemi tal-armi, u tankijiet tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru.

⁽⁷⁾ Inklużi pistoli żgħar, splussivi għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni u logħob tan-nar.

^(*) [...] sigrieti kummerċjali

⁽⁸⁾ Uniformijiet u aċċessorji.

⁽⁹⁾ Proċess ta' liġi tar-ram għal muniti mhux stampati eċċ.

	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011
Kapital reġistrat	400,3	461,4	489,0	493,0	493,0	493,0	493,0	651,2
Ekwiwità proprja	41,2	7,7	- 75,3	- 282,7	- 418,7	- 594,0	- 676,3	- 537,7
Telf mis-snin preċedenti	215,96	348,06	442,7	553,2	672,1	819,0	992,0	1 130,7

Sors: Itra tat-3 ta' Lulju 2017 mingħand l-awtoritajiet Griegi

2.2. Deskrizzjoni tal-miżuri

- (14) Permezz tad-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni għarrfet lill-Greċja li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tat-tliet miżuri li ġejjin.

2.2.1. Miżura 1: Garanziji tal-gvern

- (15) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Griegi, bejn l-2004 u l-2011, l-Istat ta' Hax-x il selfa lill-HDS mingħand diversi banek ibbażati fil-Greċja b'diversi rati tal-imgħax għal primjum ta' garanzija ("tariffa") ta' 1 % li kellu jitħallas lill-Greċja flimkien mal-ħlas lura tal-pagamenti tas-self lill-banek. L-awtoritajiet Griegi spjegaw li ma kien hemm l-ebda assi mirhuna għal dak is-self. L-ammont totali tas-self kien jidher li jlaħħaq id-EUR 942,05 miljun, li minn dan l-ammont l-HDS naqset milli tħallas pagamenti totali ta' aktar minn EUR 246 miljun, bl-iskattar sussegwenti tal-garanzija tal-gvern rispettiva. L-ebda waħda minn dawk il-garanziji tal-gvern ma ġiet notifikata lill-Kummissjoni għall-valutazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat.
- (16) Fl-ittri tagħhom tad-9 ta' Marzu 2012 u tat-3 ta' Lulju 2017, l-awtoritajiet Griegi pprovdew lista tal-garanziji tal-gvern u tal-pagamenti inadempjenti, kif stabbilit fit-Tabelli 2 u 3:

Tabella 2

Garanziji tal-gvern Grieg għal self lill-HDS

Self Garantit mill-Istat								
Avviż	Bank	Tip ta' Self	Data tal-Ħlas	Data tal-Garanzija Mogħ-tija	Tariffa tal-Kummissjoni (%)	Ammont Totali	Tul	Rata tal-Imgħax
Ammonti f'EUR								
1	National Bank	Self obligazzjonarju	2009	23.7.2009 (GAZZETTA TAL-GVERN 1554/28-9-2009)	1	195 000 000	5 snin	2,6055 % + 1,85 %
2	National Bank	Self	2005	17.3.2005 (GAZZETTA TAL-GVERN 387/24-3-2005)	1	30 000 000	10 snin	3,54 % + 0,14 %
3	Alpha bank	Self obligazzjonarju	2006	18.4.2006 (GAZZETTA TAL-GVERN 550/3-5-2006)	1	164 000 000	12-il sena	4,019 % + 0,12 %

Self Garantit mill-Istat

Avviż	Bank	Tip ta' Self	Data tal-Ħlas	Data tal-Garanzija Mogħtija	Tariffa tal-Kummissjoni (%)	Ammont Totali	Tul	Rata tal-Imgħax
4	National Bank	Self	2004	3.3.2004 (GAZZETTA TAL-GVERN 494/5-3-2004)	1	10 000 000	10 snin	EUR 6M + 0,135 %
5	National Bank	Self obligazzjonarju	2008	21.4.2008 (GAZZETTA TAL-GVERN 788/6-5-2007)	1	213 000 000	15-il sena	4,63 % + 0,29 %
6	Emporiki Bank	Self obligazzjonarju	2007	25.4.2007 (GAZZETTA TAL-GVERN 720/8-5-2007)	1	175 000 000	20 sena	4,605 % + 0,06 %
7	National Bank	Self	2004	15.12.2004 (GAZZETTA TAL-GVERN 1886/20-12-2004)	1	15 050 000	10 snin	3,36 % + 0,14 %
8	National Bank	Self	2004	21.6.2004 (GAZZETTA TAL-GVERN 963/28-6-2004)	1	40 000 000	10 snin	EUR 6M + 0,135 %
9	Alpha bank	Self	2005	28.6.2005 (GAZZETTA TAL-GVERN 911/4-7-2005)	1	60 000 000	10 snin	2,974 % + 0,09 %
10	National Bank, Alpha bank, EFG Eurobank	Self obligazzjonarju	2011	29.7.2011 (GAZZETTA TAL-GVERN 1823/12-8-2011)	1	30 000 000	sentejn	9,7 %
11	Tbank	Self obligazzjonarju	2011	4.11.2011 (GAZZETTA TAL-GVERN 2495/4-11-2011)	1	10 000 000	sentejn	12 %
Total						942 050 000		

Sors: L-ittri tal-awtoritajiet Griegi tad-9 ta' Marzu 2012 u tat-3 ta' Lulju 2017

Tabella 3

Pagamenti mill-Istat Grieg fuq self garantit inadempjenti mill-HDS

Data tal-inadempjenza	Pagament (ammonti f'EUR)	Data tal-inadempjenza	Pagament (ammonti f'EUR)
2004		2008	
(...)		(...)	
Total	583 288,89	Total	10 953 074,99
2005		2009	
(...)		(...)	
Total	3 449 021,79	Total	31 578 868,23
2006		2010	
(...)		(...)	
Total	4 703 698,18	Total	89 679 233,21
2007		2011	
(...)		(...)	
Total	15 307 189,45	Total	90 305 615,31

Sors: L-ittra tal-awtoritajiet Griegi tad-9 ta' Marzu 2012

2.2.2. Miżura 2: L-għotja tal-2003

- (17) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Griegi, fl-2003, l-Istat ta għotja ta' EUR 10 miljun lill-HDS għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' investiment [...], użat esklussivament għall-produzzjoni militari. Din l-għotja ma ġietx notifikata lill-Kummissjoni biex tiġi vvalutata bħala għajjuna mill-Istat.

2.2.3. Miżura 3: Żidiet kapitali tal-2011

- (18) Skont id-dikjarazzjoni finanzjarja tal-HDS ta' Diċembru 2011, matul l-2011 il-kapital azzjonarju tagħha ġie miżjud b'EUR 158,2 miljun.
- (19) B'mod partikolari, skont ir-rapport semiannwali tal-HDS ta' Ġunju 2011, matul l-ewwel nofs tal-2011 kien hemm żewġ żidiet kapitali, jiġifieri ta' EUR 50,6 miljun (Marzu 2011) u ta' EUR 62,5 miljun (Mejju 2011). Minħabba ż-żieda totali fil-kapital azzjonarju ta' EUR 158,2 miljun matul l-2011, jidher li fit-tieni nofs tal-2011 saret it-tielet żieda kapitali ta' EUR 45,1 miljun. L-Istat biss, bħala l-azzjonist prinċipali, ikkontribwixxa għal dawn iż-żidiet kapitali.

2.3. Raġunijiet għall-bidu tal-proċedura

- (20) Fid-deċizzjoni tas-6 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod preliminari li t-tliet miżuri li ma ġewx notifikati kienu imputabbli għall-Greċja, u kienu ngħataw permezz ta' riżorsi tal-Istat filwaqt li kienu selettivi. Barra minn hekk, kellhom il-potenzjal li jfixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ intrakomunitarju. Barra minn hekk, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li meta ngħataw il-miżuri identifikati hawn fuq, l-HDS kienet ditta f'diffikultà skont il-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-2004⁽¹⁰⁾. Il-Kummissjoni kellha dubji jekk investitur li jopera f'ekonomija tas-suq kienx jipprovdni tali finanzjament (garanziji, għotja u żidiet kapitali) lill-HDS. Il-Kummissjoni, għalhekk, ikkonkludiet b'mod preliminari li t-tliet miżuri taw vantaġġ lill-HDS.

⁽¹⁰⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Linji gwida Komunitarji dwar l-għajjuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2).

- (21) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li, filwaqt li l-HDS kienet qiegħda prinċipalment tipproduċi prodotti militari għall-armata Griega, waqt l-eżami preliminari tal-każ il-Greċja qatt ma ssostanzjat jew invokat b'mod formali l-applikazzjoni tal-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE u għalhekk, f'dak l-istadju ma setgħetx tqis dak l-Artikolu fil-valutazzjoni tagħha.
- (22) F'dan l-isfond il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod preliminari li t-tliet miżuri jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-kompatibilità ta' din l-għajjnuna mas-suq intern u b'mod partikolari mal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-2004, li kienu u għadhom il-qafas legali rilevanti għall-valutazzjoni ta' għajjnuna mill-Istat mogħtija lil kumpaniji f'diffikultà bejn l-2004 u l-2011.

3. KUMMENTI MILL-GREĊJA

3.1. Distinzjoni bejn il-produzzjoni militari u dik ċivili – Interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Greċja

- (23) Fil-kummenti tagħhom fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-għan tat-tliet miżuri kien biss li jingħata appoġġ lill-produzzjoni militari tal-HDS u kienu, fl-intier tagħhom, meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Greċja.
- (24) L-awtoritajiet Griegi pprovdew tqassim tad-dħul totali tal-kumpanija għall-perjodu bejn l-2004-2011, li wera li minn dħul totali ta' EUR 482,4 miljun, 91,23 % kienu r-riżultat ta' kuntratti għal prodotti militari mibjugħa lill-Forzi Armati Griegi jew relatati ma' obbligi tal-Forzi Armati Griegi u d-difiża u s-sigurtà nazzjonali, 3,11 % kienu r-riżultat ta' kuntratti għal prodotti militari esportati (inkluż lejn Ċipru) u 5,66 % kienu r-riżultat ta' bejgħ ta' prodotti ċivili.
- (25) Fir-rigward tal-produzzjoni ċivili tal-HDS, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li din saret flinji ta' produzzjoni li kienu fiżikament u organizzazzjonalment separati mill-produzzjoni militari ([...]) u li l-HDS kellha kontinuità separati għall-ispejjeż u għad-dħul tal-produzzjoni militari u dik ċivili.
- (26) Fir-rigward tal-produzzjoni militari, l-awtoritajiet Griegi sostnew li din kienet intrinsikament marbuta mar-rekwiżiti u mal-provvista tal-Forzi Armati Griegi u li kienet tikkonċerna biss prodotti koperti mil-lista tal-armi, tal-munizzjon u tal-materjal tal-gwerra, imfassla mill-Kunsill fl-1958 ("il-lista tal-Kunsill tal-1958")⁽¹⁾. F'dan il-kuntest il-Greċja pprovdiet sommarju tal-kuntratti u tal-bejgħ kollu tal-produzzjoni militari tal-HDS mill-2003, li kien jikkonsisti f'munizzjon, inkluż munizzjon ħafif, granati, munizzjon tat-tankijiet, sistemi ta' armi, armi tal-fanterija inklużi pistoli, armi tan-nar, kanuni tat-tip mortar u prodotti aerospazjali inkluż tankijiet tal-fjuwil u piluni esterni tal-inġenji tal-ajru. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Griegi spjegaw li l-produzzjoni militari tal-HDS issir esklussivament fil-kuntest ta' kuntratti speċifiċi, fis-sens li l-HDS ma kinitx qed taħżen prodotti militari.
- (27) Skont l-awtoritajiet Griegi, il-linji ta' produzzjoni militari tal-HDS jikkostitwixxu l-uniku kumpless industrijali nazzjonali użat fil-manifattura ta' armi u ta' munizzjon fil-Greċja u, għalhekk, huma parti essenzjali mill-infrastruttura industrijali nazzjonali ta' difiża tal-Greċja. L-HDS għet stabbilita bħala kumpanija tad-difiża u ilha topera bħala tali minn meta għet stabbilita. L-infrastrutturi tagħha dejjem kienu inklużi fl-ippjanar tad-difiża nazzjonali tal-Greċja, bil-għan li jiġi ssodisfat l-interess ta' difiża u ta' sigurtà nazzjonali. F'dan is-sens, l-HDS kellha bżonn iżżomm kapaċità ta' riżerva kompletament operattiva tal-linji ta' produzzjoni militari tagħha għal prodotti fil-lista tal-Kunsill tal-1958 anke lil hinn mid-domanda reali u attwali sabiex jiġu mħarsa l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Greċja, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista għall-forzi armati Griegi u l-awtonomija operattiva tagħhom kif ukoll biex tkun tista' tiġi ssodisfata d-domanda fi żminijiet ta' kriżi, mobilizzazzjoni jew gwerra.
- (28) F'dan l-isfond l-awtoritajiet Griegi argumentaw li minħabba l-pożizzjoni ġeopolitika tal-Greċja, li teżiġi awtosuffiċjenza bażika f'armi u f'munizzjon essenzjali, il-produzzjoni militari tal-HDS kienet essenzjali għas-sigurtà nazzjonali tagħha.
- (29) Fir-rigward tal-esportazzjonijiet ta' prodotti militari, l-awtoritajiet Griegi enfasizzaw li d-dħul totali mill-esportazzjonijiet matul il-perjodu ta' żmien mit-twaqqif tal-kumpanija fl-2004 sal-2011, kien ilaħħaq il-EUR 15,02 miljun (jiġifieri 3,1 % tad-dħul totali jew 3,3 % tad-dħul minn attivitajiet ta' difiża). [...].

⁽¹⁾ Fl-1958, il-Kunsill ħejja lista tal-armi, tal-munizzjon u tal-materjal tal-gwerra, li għalihom tapplika l-ewwel sentenza tal-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE, bħala Appendiċi 1 tal-Anness D tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 255/58. Il-lista qatt ma għet ippubblikata uffiċjalment, iżda issa hija parti mid-dominju pubbliku.

- (30) L-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-parti li baqa' tal-esportazzjonijiet, li tirrappreżenta perċentwal żgħir ħafna tal-fatturat totali tal-HDS, tirrigwarda esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi [...] abbażi ta' kuntratti li kienu ngħataw direttament lill-HDS. [...].
- (31) Bħala konklużjoni, fir-rigward tal-produzzjoni militari, l-awtoritajiet Griegi spjegaw li l-għan tat-tliet miżuri kien li jingħata appoġġ lil produttur militari, li għandu rwol kruċjali fil-provvista ta' armi u ta' munizzjon għall-Forzi Armati Griegi. Għalhekk, l-operat tiegħu huwa importanti għall-interessi essenzjali ta' sigurtà tal-Greċja. L-awtoritajiet Griegi sostnew l-argumentazzjoni tagħhom billi ċċitaw sensiela ta' atti legali Griegi, li stabbilew ir-rwol ta' EBO u ta' PYRKAL fil-qadi tal-interessi essenzjali ta' sigurtà Griegi ⁽¹²⁾, li aktar tard ġie ttrasferit lill-HDS.
- (32) Permezz ta' dawn l-argumenti, l-awtoritajiet Griegi invokaw b'mod espliċitu l-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE fir-rigward tal-miżuri taħt investigazzjoni u argumentaw li dawk kienu meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Greċja marbuta mal-produzzjoni jew mal-kummerċ ta' armi, ta' munizzjon u ta' materjal tal-gwerra.
- (33) [...]
- (34) L-awtoritajiet Griegi ammettew li anke l-produzzjoni ċivili tal-HDS kienet qed tagħmel telf. Spjegaw li dak it-telf kien ikkawżat mill-kostijiet operatorji għoljin tal-HDS, li kienu marbuta mal-fatt li parti mill-produzzjoni ċivili għet sottokuntrattata lill-produzzjoni militari għal kuntratti mal-Forzi Armati Griegi. Dan kien sar mingħajr ma nħareġ debitu korrispondenti fil-kontijiet tal-produzzjoni militari. Barra minn hekk, kien hemm drabi meta l-linji ta' produzzjoni militari u ċivili kienu t-nejn qed jużaw is-servizzi amministrattivi u ta' distribuzzjoni tal-HDS.

3.2. Miżura 1: Garanziji tal-gvern

- (35) L-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-miżura 1 kienet immirata esklussivament biex jingħata appoġġ lill-produzzjoni militari tal-HDS, peress li s-self intefaq biss għal skopijiet militari marbuta direttament mal-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Greċja. Skont l-awtoritajiet Griegi minn dan isegwi li l-miżura 1 jenħteġ li ma tkunx soġġetta għall-valutazzjoni tal-għajna mill-Istat, peress li tkun koperta mill-eċċezzjoni tal-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE. F'dan ir-rigward l-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-produzzjoni militari kienet separata mill-produzzjoni ċivili u li l-atti legali li jipprevedu l-garanziji mill-gvern kienu jinkludu referenza fejn is-self garantit għandu jkun immirat lejn "il-kopertura tal-ħtiġijiet operatorji tal-kumpanija għall-produzzjoni ta' materjal militari għall-pajjiż".
- (36) L-awtoritajiet Griegi spjegaw ukoll li kien ikun impossibbli għall-HDS li tipprovi assi bħala rahan għas-self inkwistjoni, minħabba li l-installazzjonijiet tal-HDS kienu protetti minn regoli ta' sigurtà nazzjonali li ma jippermettux tali aċċess. Bħala tali, skont l-awtoritajiet Griegi, il-provvista tal-beni immobbli tal-kumpanija bħala kollateral tikkontradixxi l-iskopijiet ta' sigurtà nazzjonali segwiti mill-kumpanija u potenzjalment tkun tinvolvi l-iżvelar ta' informazzjoni klassifikata. Minn dan isegwi li l-HDS ma setgħetx tipprova tikseb self mill-banek billi tipprovi parti mill-beni immobbli tagħha bħala kollateral. Għalhekk, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li r-raġuni għaliex il-kumpanija ma ppruvatx tikseb self bankarju mingħajr garanziji tal-gvern ma kinitx l-inkapaċità tagħha li tikseb dawn il-fondi, iżda pjuttost il-fatt li kienet prekluzja milli tipprovi kollateral minħabba r-riskju li jirriżulta għall-interessi tas-sigurtà nazzjonali.
- (37) Fir-rigward tal-garanzija tal-gvern għal self ta' EUR 30 miljun min-National Bank of Greece, mill-Alpha Bank u mill-EFG Eurobank fl-2011 (self numru 10 fit-Tabella 2 hawn fuq), fis-sottomissjonijiet tagħhom tas-7 ta' Awwissu 2013 u tat-3 ta' Lulju 2017 l-awtoritajiet Griegi ċċaraw li eventwalment l-HDS irċeviet biss pagament bil-quddiem ta' EUR 6 miljuni fit-8 ta' Settembru 2011, u li wara l-irtirar tal-banek, minn dak is-self obbligazzjonarju nħareġ biss EUR 7 095 858 fid-19 ta' Marzu 2013. Għalhekk, kwalunkwe vantaġġ minn din il-garanzija tal-gvern jenħteġ li ma jaqbix dak l-ammont.
- (38) Bl-istess mod, fir-rigward tal-garanzija tal-gvern għal self ta' EUR 10 miljuni mit-Tbank fl-2011 (is-self numru 11 fit-Tabella 2 hawn fuq), fis-sottomissjoni tagħhom tas-3 ta' Lulju 2017 l-awtoritajiet Griegi ċċaraw li l-HDS irċeviet pagament bil-quddiem ta' EUR 6 miljuni (EUR 3 miljun minnhom fil-5 ta' Lulju 2011 u EUR 3 miljun oħra fit-2 ta' Novembru 2011). Peress li s-self obbligazzjonarju qatt ma nħareġ, l-awtoritajiet Griegi jallegaw li l-pagament bil-quddiem ma kienx kopert minn garanzija tal-gvern.
- (39) Għalhekk, skont l-awtoritajiet Griegi, il-garanziji totali tal-gvern għas-self fl-2011 kienu ta' EUR 7 095 858, minflok ta' EUR 40 miljun kif oriġinarjament imsemmi fid-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013. L-awtoritajiet Griegi ma kkontestawx il-garanziji u s-self għas-snin l-oħra.

⁽¹²⁾ Id-digriet Presidenzjali 514/1977 (ir-referenza tal-ġurnal uffiċjali A/165/14.6.1977); Il-liġi 3978/2011 (ir-referenza tal-ġurnal uffiċjali FEK A/137/16.6.2011).

3.3. Miżura 2: L-għotja tal-2003

- (40) L-awtoritajiet Griegi argumentaw li anke l-miżura 2 kienet immirata biss bħala appoġġ għall-produzzjoni militari tal-HDS u jenħtieġ li ma tkunx soġġetta għal valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, peress li tkun koperta mill-eċċezzjoni tal-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE.
- (41) L-awtoritajiet Griegi bbażaw l-argumentazzjoni tagħhom fuq il-fatt li l-faċilità industrijali ta' [...], li kienet is-suġġett tal-miżura 2, tintuża esklussivament għall-produzzjoni militari ta' prodotti [...] ⁽¹³⁾.

3.4. Miżura 3: Żieda kapitali tal-2011

- (42) L-awtoritajiet Griegi argumentaw li d-deċiżjoni tal-istat Grieg, bħala azzjonist maġġoritarju, li jwettaq iż-żidiet kapitali rilevanti kienet konformi mal-imġiba ta' investitur li jopera f'ekonomija tas-Suq f'sitwazzjoni simili. L-awtoritajiet Griegi argumentaw li d-deċiżjoni tagħhom bħala azzjonist biex iżidu l-kapital azzjonarju tal-kumpanija bil-għan li tiġi żgurata l-vijabbiltà tagħha kienet deċiżjoni kummerċjali ġusta, minħabba r-rwol deċiżiv tagħha fid-difiża u fis-sigurtà nazzjonali. Għalhekk, fil-fehma tagħhom, iż-żidiet kapitali ma kinux jinvolvu għajnuna mill-Istat. Madankollu, fl-ittra tagħhom tat-3 ta' Lulju 2017, l-awtoritajiet Griegi kkonfermaw li ma kellhomx informazzjoni jew dokumenti addizzjonali biex isostnu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar iż-żieda kapitali, b'referenza għat-talba tal-Kummissjoni biex jipproduċu, jekk disponibbli, (i) kwalunkwe pjan ta' ristrutturar għall-HDS imfassal qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni biex jiżied il-kapital soċjetarju, (ii) kwalunkwe analiżi ekonomika *ex ante* magħmula mill-Istat dwar jekk il-konverżjoni tat-talbiet bħala riżultat tat-talba għall-fidi tal-garanziji f'kapital kinitx ekonomikament aktar vantaġġuża miż-żamma jew mill-infurzar ta' dawn it-talbiet, u (iii) kwalunkwe analiżi tar-redditu *ex ante* mwettqa mill-Istat fir-rigward tal-kapital il-ġdid ipprovdut għaż-żidiet kapitali.
- (43) Fi kwalunkwe każ, bħal fil-każ taż-żewġ miżuri l-oħra, l-awtoritajiet Griegi argumentaw ukoll li l-miżura 3 kienet immirata biss biex tappoġġa l-produzzjoni militari tal-HDS u jenħtieġ li ma tkunx soġġetta għal valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, minħabba li tkun koperta mill-eċċezzjoni tal-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE.
- (44) Fir-rigward tal-ammont totali taż-żidiet kapitali rilevanti, fis-sottomissjoni tagħhom tal-1 ta' Lulju 2013, l-awtoritajiet Griegi ddikjaraw li dan kien ilaħħaq il-EUR 107,6 miljun. Madankollu, fis-sottomissjoni tagħhom tas-7 ta' Awwissu 2013, l-awtoritajiet Griegi fl-aħħar iċċaraw li ż-żidiet kapitali koperti mill-miżura 3 kienu jinkludu żieda kapitali totali ta' EUR 158,19 miljun, kif identifikat fid-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013.
- (45) Miż-żieda kapitali total ta' EUR 158,19 miljun, EUR 154,19 miljun kienu r-riżultat ta' kapitalizzazzjoni tad-djun li l-HDS kellha mal-Istat. Dawn id-djun kienu r-riżultat ta' talba għall-fidital-garanziji, prevista fil-kuntest tal-miżura 1, minħabba li l-HDS kienet naqset milli tħallas lura s-self. L-EUR 4 miljun li fadal ingħataw bħala kapital ġdid.
- (46) L-assemblea ġenerali tal-25 ta' Ottubru 2010 qablet li l-kapital tal-HDS kellu bżonn jiżied. Madankollu, l-ammonti preċiżi taż-żidiet kapitali differenti ġew deċiżi mill-assemblea ġenerali f'diversi laqgħat matul l-2011, f'dati li fihom il-Greċja kkommettiet il-fondi rilevanti. Skont l-awtoritajiet Griegi, id-distribuzzjoni taż-żidiet kapitali fil-kuntest tal-miżura 3 u d-dati tal-għoti tagħhom kienu kif ġej:

Tabella 4

Dati tal-għoti taż-żidiet kapitali tal-2011

Data tad-deċiżjoni tal-assemblea ġenerali	Ammont f'EUR	Kummenti
fl-4 ta' Mejju 2011.	109 052 604,87	Kapitalizzazzjoni tad-djun bħala riżultat tat-talba għall-fidi tal-garanziji
fid-19 ta' Ottubru 2011.	42 255 180,01	
fis-16 ta' Diċembru 2011.	2 882 919,33	
fl-4 ta' Mejju 2011.	4 000 000	Ħlas fi flus kontanti
Total	158 190 704,21	

⁽¹³⁾ [...]

- (47) L-awtoritajiet Griegi argumentaw li ż-żieda kapitali ta' EUR 154,19 miljun bħala riżultat tal-kapitalizzazzjoni ta' djun minħabba t-talba għall-fidi tal-garanziji jenħtieġ li ma titqiesx bħala appoġġ "ġdid" mill-Istat lill-HDS, għaliex, skont il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013, kienet diġà ġiet meqjusa bħala appoġġ mill-Istat fil-kuntest tal-miżura 1.

3.5. Il-qasma tal-HDS

- (48) Fil-kuntest tar-rieżami regolari tal-programm ta' aġġustament ekonomiku tagħha mill-istituzzjonijiet li jirrappreżentaw lill-kredituri tal-pajjiż (il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Fond Monetarju Internazzjonali), f'nofs l-2013 il-Greċja ntrabtet li sal-aħħar ta' Awwissu 2013 tadotta deċiżjoni rrevokabbli dwar il-futur tal-HDS. Fis-27 ta' Awwissu 2013, l-awtoritajiet Griegi ppreżentaw il-proposta tagħhom dwar il-futur tal-HDS.
- (49) Skont din il-proposta, l-HDS kellha tinqasam f'żewġ partijiet, ċivili u militari. Dan l-eżerċizzju ġie msejjaħ il-"qasma". Il-parti ċivili kellha tiġi likwidata. Il-parti militari kellha tiġi ristrutturata u l-produzzjoni tagħha kellha tkun limitata għall-prodotti li huma meħtieġa għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-pajjiż.
- (50) Wara diskussjonijiet mad-dipartimenti tal-Kummissjoni u dawk ta' istituzzjonijiet oħra, fittra tas-16 ta' Diċembru 2013, l-awtoritajiet Griegi ntrabtu li jwettqu l-qasma u ppreżentaw pjan ta' azzjoni.
- (51) Permezz ta' Deċiżjoni tal-Bord tas-26 ta' Frar 2014, beda l-proċess tal-qsim tal-kumpanija u ġiet stabbilita d-data għar-ristrutturar, jiġifieri t-28 ta' Frar 2014 (id-data tar-"ristrutturar tal-karta bilanċjali"). Permezz tad-Deċiżjoni tal-Bord tal-21 ta' Mejju 2014 ġie stabbilit li l-kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata suċċessiva li fil-futur kienet se tidħol esklussivament fil-produzzjoni u fil-kummerċ ta' armi, ta' munizzjon u ta' materjal tal-gwerra meħtieġa għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Greċja tisseyjaħ *Hellenic Defence Systems Industrial Commercial Ltd* ("HDS militari"). Permezz tal-istess deċiżjoni ġie stabbilit li l-kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata suċċessiva li kienet se tieħu fidejha l-attivitajiet oriġinali purament ċivili tal-kumpanija tisseyjaħ *Hellenic Civilian Production Systems Industrial Commercial Ltd* ("HDS ċivili").
- (52) Id-deċiżjoni tal-Bord tas-26 ta' Mejju 2014 approvat il-pjan għall-qsim tal-kumpanija, ir-ristrutturar tal-karta bilanċjali u r-rapport ta' spjegazzjoni tal-Bord. Ir-rappreżentanti awtorizzati tal-kumpanija ffirmaw il-pjan dwar il-qsim tal-kumpanija dakinhar u l-pjan ġie ppreżentat lill-awtorità superviżorja. Fis-7 ta' Lulju 2014 ġie ppreżentat rapport uffiċjali tal-awditur sabiex jiġi vvalutat u ddeterminat il-valur kontabilistiku tal-assi miżmuma mill-unitajiet ta' difiża u militari tal-kumpanija.
- (53) L-assemblea ġenerali tat-28 ta' Awwissu 2014 approvat id-deċiżjoni dwar il-qsim tal-kumpanija, ir-ristrutturar tal-karta bilanċjali, ir-rapport ta' spjegazzjoni tal-Bord, ir-rapport tal-awdituri dwar il-valur kontabilistiku tal-assi miżmuma mill-kumpanija oriġinali u t-termini ta' referenza taż-żewġ kumpaniji suċċessivi. Barra minn hekk, inħatru l-Bordijiet taż-żewġ kumpaniji suċċessuri.
- (54) L-assi u l-kapaċità ta' produzzjoni tal-kumpanija oriġinali ġew maqsuma abbażi tar-ristrutturar tal-karta bilanċjali tat-28 ta' Frar 2014. L-assi kollha relatati mal-produzzjoni militari tal-kumpanija oriġinali ġew ittrasferiti lill-HDS militari. L-awtoritajiet Griegi sostnew li dawk l-assi kollha huma relatati esklussivament mal-produzzjoni ta' prodotti ta' difiża kif definit fl-Artikolu 346 tat-TFUE.
- (55) L-assi kollha relatati esklussivament mal-produzzjoni ċivili ġew ittrasferiti lill-HDS ċivili. Dan kien jinkludi, b'mod partikolari:
- (a) l-art kollha użata esklussivament għall-produzzjoni ċivili (inklużi faċilitajiet ta' produzzjoni, mħażen, eċċ. fuq dik l-art);
 - (b) il-makkinarju, it-tagħmir, il-mezzi tat-trasport kollha, eċċ involuti esklussivament fil-produzzjoni ċivili;
 - (c) prodotti lesti u nofshom lesti għall-użu ċivili, materja prima rilevanti u l-pretensjonijiet tal-kumpanija oriġinali minn klijenti ta' prodotti ċivili.
- (56) Permezz tad-Deċiżjoni Nru 22153/2014/2.10.2014 ir-Reġjun ta' Attika approva l-qsim tal-kumpanija, ix-xoljiment tal-kumpanija oriġinali u t-twaqqif taż-żewġ kumpaniji ġodda. Din id-deċiżjoni ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Kummerċ Ġenerali u sussegwentement iż-żewġ kumpaniji suċċessivi u l-istatuti tagħhom iddaħħlu wkoll fir-Reġistru tal-Kummerċ Ġenerali.

4. KUNDIZZJONIJET TAS-SUQ FIR-RIGWARD TAL-GARANZIJI TAL-GVERN LILL-HDS (MIŻURA 1)

- (57) L-awtoritajiet Griegi spjegaw li l-HDS ma ppruvax tikseb self bankarju mingħajr garanziji tal-gvern iżda li r-raġuni ma kinitx l-inkapaċità tagħha li tikseb tali fondi (premessa 36). Għalhekk, fir-rigward tal-miżura 1, l-investigazzjoni formali ma setgħetx tivvela kwotazzjonijiet kontemporanji ta' rati tal-imgħax għal self lill-HDS mill-2004 mingħajr il-garanzija tal-gvern jew kwotazzjonijiet għal din l-aħħar garanzija mogħtija minn garanti tas-suq. Sabiex ikollha bażi fattwali biex tivvaluta jekk il-garanziji tal-gvern fuq self mogħti lill-HDS kinux taw vantaġġ lil din tal-aħħar u li kieku din ma kinitx tikseb skont il-kundizzjonijiet tas-suq minħabba l-qagħda finanzjarja tal-HDS fl-2004-2006 (Tabella 1), il-Kummissjoni investigat fliema kundizzjonijiet tas-suq kumpaniji b'valutazzjoni ta' CCC+ (kumpanija ta' riskju għoli f'diffikultà), ta' D (kumpanija inadempjenti) jew ta' SD (inadempjenza selettiva) setgħu jiksbu finanzjament mis-swieg finanzjarji. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni gābret data finanzjarja mill-bażi tad-data *S&P Capital IQ Platform*⁽¹⁴⁾ u b'mod partikolari firxiet ta' swap ta' inadempjenza ta' kreditu (CDS) kif ukoll rendimenti ta' bonds bejn l-2004 u l-2006.
- (58) Is-CDS huwa ftehim dwar swap finanzjarju li l-bejjieġ tas-CDS se jikkumpensa lill-akkwrent (normalment il-kreditur tas-self ta' referenza) fil-każ ta' inadempjenza fuq is-self (mid-debitur). Fi kliem ieħor, il-bejjieġ tas-CDS jassigura lill-akkwrent kontra ċertu inadempjenzi fuq is-self ta' referenza. Dan l-istrument huwa rilevanti biex tingħata indikazzjoni ta' xi jkun ir-riskju ta' premium/tariffa ta' garanzija li operatur tas-suq ikun jeħtieġ biex jiġi żgurat ir-riskju ta' inadempjenza fuq self. Id-data miġbura turi li bejn l-2004 u l-2006 il-firxiet ta' CDS għal maturitajiet ta' ħames snin għal kumpaniji friskju finanzjarju għoli kienu jvarjaw bejn l-4,4 % u t-33,5 %.
- (59) Rendiment tal-bond huwa l-ammont ta' redditu li investitur jikseb fuq bond li jaġhti indikazzjoni tajba tal-kost "kumplessiv" tas-self (li jirrappreżenta l-kost tas-self flimkien mal-kost ta' kwalunkwe garanzija assoċjata) għal kumpanija. Id-data miġbura tindika li bejn l-2004-2006 ir-rati kienu varjaw bejn 12,9 % u 43,2 % għal bonds ta' maturità ta' sena maħruġa minn kumpaniji ta' riskju finanzjarju għoli.

5. VALUTAZZJONI

- (60) Bħala punt preliminari din id-deċiżjoni tindirizza l-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE, u, sussegwentement, fir-rigward ta' attivitajiet jew miżuri li mhumiex koperti bl-eċċezzjoni ta' dak l-Artikolu, l-eżistenza ta' għajnunata mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE u, finalment, jekk din l-għajnunata tistax tkun kompatibbli mas-suq intern.

5.1. Applikazzjoni tal-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE

- (61) Skont l-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE, "kull Stat Membru jista' jieħu l-miżuri li jikkunsidra meħtieġa sabiex jipproteġi l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu, u li jkollhom x'jaqsnu mal-manifattura jew mal-kummerċ tal-armi, il-munizzjon u l-materjal tal-gwerra; dawn il-miżuri ma għandhomx ifixklu l-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern dwar prodotti li ma jkunux intiżi għall-għanijiet speċifikament militari."
- (62) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1958 li tfassal lista ta' prodotti li għalihom japplika l-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE ("Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1958") tinkludi, fost oħrajn, armi tan-nar portabbli u awtomatiċi, artillerija, munizzjon għal dawn l-armi, bombi, torpidows, rokits, porvli u splussivi (il-punti 1, 2, 3, 4, 8 u 13 tal-lista). Dan jimplika li għall-fini ta' dan il-każ, l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE ma japplikawx għal miżuri relatati ma' prodotti inklużi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1958, sakemm dawk il-miżuri ma jitqisux meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali ta' sigurtà tal-Istat Membru inkwistjoni.
- (63) Skont il-ġurisprudenza, Stat Membru li jfittex li jinvoqa l-eċċezzjoni tal-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE jrid jipprovdi evidenza li turi li l-miżuri ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ għall-interessi essenzjali ta' sigurtà tiegħu⁽¹⁵⁾.
- (64) L-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-produzzjoni militari tal-HDS taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1958, b'mod partikolari l-punti 1, 2, 3, 4, 8 u 13, u hija meħtieġa għall-interessi essenzjali ta' sigurtà tal-Greċja, minħabba li l-HDS tipprovdi prodotti militari speċjalizzati lill-Forzi Armati Griegi. Fir-rigward

⁽¹⁴⁾ <https://www.capitaliq.com>

⁽¹⁵⁾ Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Settembru 1999, *Il-Kummissjoni vs Spanja*, C-414/97, ECLI:EU:C:1999:417, il-paragrafu 22 u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' April 2008, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, C-337/05, ECLI:EU:C:2008:203, il-paragrafi 42-44.

tal-miżura 2, l-awtoritajiet Griegi wrew li l-modernizzazzjoni tal-faċilità industrijali ta' Aeghion kienet meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt speċifiku mill-Forzi Armati Griegi għall-produzzjoni speċifika ta' prodotti militari inklużi fil-lista tal-Kunsill tal-1958, b'mod partikolari l-punt 1.

- (65) L-awtoritajiet Griegi argumentaw ukoll li l-linji ta' produzzjoni ċivili tal-HDS kienu separati mil-linji ta' produzzjoni militari u li l-miżuri taħt investigazzjoni kienu ta' benefiċċju biss għall-produzzjoni militari, mibjugħa prinċipalment lill-Forzi Armati Griegi.
- (66) Fid-dawl tal-argumenti ppreżentati mill-Greċja, il-Kummissjoni taċċetta li l-parti tal-produzzjoni tal-HDS li tikkonċerna materjal militari tista' titqies li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE.
- (67) Il-Kummissjoni lanqas ma tikkontesta s-separazzjoni fiżika tal-linji ta' produzzjoni ċivili u militari. Madankollu, id-data pprovduta mill-awtoritajiet Griegi ma ssostnix l-argument li l-HDS kellha kontijiet separati għall-produzzjoni ċivili u militari għall-perjodu rilevanti. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Griegi ammettew li xi drabi l-linji ta' produzzjoni ċivili kienu jintużaw ukoll xi drabi għall-produzzjoni militari mingħajr remunerazzjoni adegwata, kif kellu jkun il-każ kieku kien hemm separazzjoni xierqa tal-kontijiet, u li kien hemm drabi meta l-linji ta' produzzjoni militari u ċivili kienu t-tnejn li huma qed jużaw is-servizzi amministrattivi u ta' distribuzzjoni tal-HDS.
- (68) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, u fin-nuqqas ta' kontijiet separati għall-attivitajiet ċivili u dawk militari, il-Kummissjoni ma tistax teskludi li l-miżuri mmirati lejn il-produzzjoni militari setgħu kienu ta' benefiċċju ukoll l-għall-produzzjoni ċivili tal-HDS u b'hekk ħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq rilevanti. Dan huwa l-każ fir-rigward tal-miżuri 1 u 3 li, irrispettivament mill-għan tagħhom, essenzjalment kienu ta' benefiċċju għall-HDS kollha kemm hi u għalhekk anke għall-produzzjoni ċivili tagħha, li ma kinitx finanzjarjament separata mill-produzzjoni militari tagħha.
- (69) Il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-miżuri 1 u 3, safejn dawn setgħu kienu ta' benefiċċju għall-produzzjoni ċivili tal-HDS, iridu jiġu vvalutati fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat. Madankollu, safejn dawk il-miżuri kienu ta' benefiċċju għall-produzzjoni u l-forniment ta' prodotti militari lill-Forzi Armati Griegi, il-Kummissjoni taċċetta li huma eżentati minn valutazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat fuq il-bażi tal-Artikolu 346(1)(b) tiegħu.
- (70) Fir-rigward tal-miżura 2, il-Kummissjoni tosserva li l-evidenza pprovduta mill-Greċja turi li l-għotja inkwistjoni [...] bl-ebda mod ma kienet ta' benefiċċju għall-produzzjoni ċivili.
- (71) Konsegwentement, il-Kummissjoni taċċetta li l-miżura 2 kienet ta' benefiċċju biss għall-produzzjoni ta' prodotti militari koperti mid-Deċizzjoni tal-Kunsill tal-1958 u li kienet meħtieġa għall-forniment ta' dawn il-prodotti lill-armata Griega. Għalhekk, il-Kummissjoni taċċetta li l-miżura 2 hija eżentata minn valutazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat abbażi tal-Artikolu 346(1)(b) tiegħu.

5.2. Valutazzjoni tal-preżenza ta' għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE

- (72) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jistabbilixxi li "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn toqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".
- (73) Fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni, il-kwalifika ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat teħtieġ li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin: (i) il-miżura hija imputabbli għall-Istat u hija ffinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat; (ii) il-miżura hija selettiva; (iii) il-miżura tagħti vantaġġ ekonomiku lil impriża; u (iv) il-miżura tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u probabbli taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

5.2.1. Miżura 1: Garanziji tal-gvern

5.2.1.1. Riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà

- (74) Il-garanziji tal-gvern ingħataw direttament mill-Istat Grieg u, bħala tali, il-miżura 1 hija imputabbli għall-Istat.

- (75) Minnhom infushom il-garanziji tal-gvern ipoġġu r-riżorsi tal-Istat friskju, peress li kwalunkwe garanzija pubblika tinvolvi telf potenzjali ta' riżorsi mill-Istat. Barra minn hekk, kull garanzija li ma tkunx remunerata sew timplika telf dirett ta' riżorsi finanzjarji għall-Istat. It-tariffa ta' 1 % imposta mill-Istat fuq l-HDS ma tistax titqies biżżejjed, fid-dawl tal-qagħda finanzjarja tal-kumpanija u l-inadempjenza potenzjali. Barra minn hekk, fl-2004 l-HDS kienet diġà inadempjenti fil-fidi ta' diversi selfiet, li kien qabel ingħataw il-maġġoranza tal-garanziji. Bħala tali, il-garanziji kienu jinvolvu riżorsi tal-Istat kemm f'termini ta' tariffi ta' garanziji possibbilment mitlufa kif ukoll f'termini ta' skopertura tal-baġit pubbliku f'każ ta' inadempjenza mill-HDS.
- (76) Konsegwentement, il-kriterju ta' riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat huwa ssofisfat fil-miżura 1. Dan ma ġiex ikkontestat mill-awtoritajiet Griegi.

5.2.1.2. Selettività

- (77) Peress li l-garanziji ngħataw lil benefiċjarju individwali, jiġifieri lill-HDS fuq bażi *ad hoc* u mhux bħala parti minn miżura ta' politika ekonomika ġenerali potenzjalment disponibbli għall-kumpaniji Griegi u s-setturi ekonomiċi kollha, il-miżura hija selettiva.

5.2.1.3. L-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku

- (78) Skont ġurisprudenza stabbilita, biex jiġi determinat jekk miżura tal-Istat tikkostitwixxi għajjnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, irid jiġi stabbilit jekk l-impriża benefiċjarja rċevietx vantaġġ ekonomiku li kieku ma kinitx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq ⁽¹⁶⁾.
- (79) Vantaġġ ekonomiku jeżisti kull meta l-qagħda finanzjarja ta' impriża titjeb bħala riżultat ta' intervent tal-Istat. Madankollu, intervent minn awtorità pubblika mhux bilfors jagħti vantaġġ lill-benefiċjarju, u bħala tali ma jikkostitwixxi għajjnuna jekk iseħħ f'kundizzjonijiet normali tas-suq, fi kliem ieħor, jekk l-awtorità pubblika tkun aġixxiet kif kien jaġixxi operatur prudenti f'ekonomija tas-suq f'ċirkostanzi simili. F'dan ir-rigward, l-Istat Grieg kien l-azzjonist kontrollanti tal-HDS fiż-żmien tal-fatti u jibqa' hekk. F'din il-kapaċità, l-Istat Grieg iggarantixxa ħdax-il selfa mingħand ħames banek differenti bejn l-2004 u l-2011. Ma jistax jiġi eskluż li jista' jkun fl-interess ta' azzjonist kontrollanti li jipprovdi garanziji fuq self li jingħata lill-azjenda tiegħu, sakemm il-finanzjament li jiswa anqas jista' jipprovdi remunerazzjoni (dividendi) oġhla jew iżid il-valur tal-azjenda tiegħu, għad-detriment ta' riskju oġhla għalih bħala garanti. Madankollu, fil-każ tal-HDS, minħabba l-qagħda finanzjarja diffiċli tal-HDS matul dan il-perjodu, kif muri miċ-ċifri fit-Tabella 1, u b'mod partikolari t-telf kontinwu mill-2004, l-Istat ma setax jistenna tali redditu. Minn dan isegwi li r-raġunament u r-remunerazzjoni potenzjali assoċjati mal-garanziji tal-gvern għandhom jiġu vvalutati fuq bażi awtonoma, u titħalla barra kwalunkwe aspettattiva potenzjali ta' qligħ għall-azzjonisti.
- (80) B'mod partikolari, minħabba li naqqsu r-riskju li kienu qegħdin jieħdu l-banek li sellfu lill-HDS bejn l-2004 u l-2011, il-ħdax-il garanzija inkwistjoni setgħu jnaqqsu r-rata tal-imġax imposta fuq is-self sottostanti. Dawk ir-rati tal-imġax kienu differenti iżda kollha, ħlief għal tnejn, kienu taħt il-5 % matul dak il-perjodu. Fid-dawl tal-prestazzjoni fqira tal-HDS, anki fuq bażi awtonoma, fil-perjodu ta' bejn l-2004-2011 l-ebda operatur prudenti li jopera f'ekonomija tas-suq ma kien jagħti fondi lill-HDS skont il-kundizzjonijiet assoċjati mal-ħdax-il selfa mogħtija bejn l-2004 u l-2011 mingħajr il-garanziji tal-gvern.
- (81) F'dan ir-rigward, fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-awtoritajiet Griegi li l-HDS seta' jkollha aċċess għall-finanzjament tas-suq mingħajr il-garanzija tal-gvern, għandha ssir distinzjoni bejn: (i) il-perjodu bejn l-2004 u l-2006, u (ii) il-perjodu mill-2007 sal-2011. Fil-perjodu ta' bejn l-2004 u l-2006, abbażi tad-data finanzjarja tal-HDS fit-Tabella 1, il-Kummissjoni tqis li l-HDS seta' jkollha aċċess għal finanzjament mis-suq, għalkemm f'termini inqas favorevoli minn dawk bħala riżultat tal-garanziji tal-gvern. Min-naħa l-oħra, fil-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2011, id-data finanzjarja tal-HDS fit-Tabella 1 li kienet iddeterjorata b'mod sinifikanti tindika li mingħajr il-garanziji tal-gvern ma kienx ikollha aċċess għal finanzjament mis-suq taħt l-ebda terminu.
- (82) Fl-2004-2006, għalkemm l-HDS kellha telf sinifikanti mis-snin ta' qabel u qligħ qabel it-taxxi (QQT) negattiv, xorta kellha fatturat annwali relattivament stabbli ta' madwar EUR 91-97 miljun. Barra minn hekk, l-ekwità proprja tal-HDS kienet għadha pożittiva u kien biss fl-2006 li għall-ewwel darba qalbet għan-negattiv. Għalhekk,

⁽¹⁶⁾ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 1999, DMT, C-256/97, ECLI:EU:C:1999:332, il-paragrafu 22.

għalkemm l-HDS wriet sinjali ta' diffikultà finanzjarja fil-perjodu ta' bejn l-2004-2006, dawk id-diffikultajiet ma kinux ta' tali daqs li jipprekludu għal kollox l-aċċess tagħha għal finanzjament matul dak il-perjodu. Fir-rigward tal-livell ta' tali finanzjament, il-firxiet ta' CDS u r-rendimenti tal-bonds indikati fil-premessi 58 u 59 jikkonfermaw li ċerti kumpaniji b'riskju finanzjarju għoli kellhom aċċess għas-swieq finanzjarji fil-perjodu kkunsidrat bejn l-2004-2006 u jipprovdu ordni ta' kobor tal-kundizzjonijiet li taħthom dawn il-kumpaniji setgħu jiksbu finanzjament. Tali data tas-suq tissuġġerixxi li, fin-nuqqas tal-garanziji tal-gvern, l-HDS xorta kien ikollha aċċess għal finanzjament mis-suq, iżda bi primjum ta' garanzija ferm ogħla minn 1 %.

- (83) Bl-istess mod, f'termini ta' esponiment għar-riskju ta' inadempjenza mill-garanti hemm differenzi pjuttost sinifikanti fis-self lill-HDS muri fit-Tabella 2, minn ammont kapitali ta' EUR 10 miljun (self numru 4 min-National Bank fl-2004) għal ammont kapitali ta' EUR 164 miljun (self numru 3 mill-Alpha Bank fl-2006). Madankollu dawn id-differenzi ma ġewx tradotti f'tariffi ta' garanziji ogħla. Minn dan isegwi li t-tariffa fissa ta' 1 % pprovdata mill-HDS biex tħallas lill-Istat għall-garanziji ma tikkostitwixxi rata bbażata fuq is-suq, minħabba li ma tirriflettix ir-riskju akbar tas-self garantit f'każ ta' inadempjenza.
- (84) Għalhekk, il-garanziji mogħtija bejn l-2004-2006 taw vantaġġ ekonomiku lill-HDS li kieku ma kinitx tikseb taħt kundizzjonijiet tas-suq. L-ammont tal-vantaġġ jikkorrispondi għad-differenza bejn il-kost tal-finanzjament li l-HDS kienet tikseb mis-suq mingħajr il-garanziji tal-gvern u l-prezz (rata bażi flimkien mal-primjums) effettivament imħallas għal dawn il-garanziji tal-gvern u s-self rispettiv (¹⁷).
- (85) Madanakollu, l-investigazzjoni ma żvelatx kwotazzjonijiet kontemporani speċifiċi ta' rati tal-imgħax għal self lill-HDS mingħajr il-garanzija tal-gvern jew kwotazzjonijiet mis-suq għal din il-garanzija. Id-data tas-suq disponibbli (premessi 58 u 59) tippreżenta strumenti finanzjarji li huma differenti mis-self u mill-garanziji kuntrattati mill-HDS, b'mod partikolari fir-rigward tal-maturità u l-ammont u nkisbet minn kumpaniji li ma kellhomx data finanzjarja simili għal dik murija għall-HDS fit-Tabella 1 hawn fuq (għall-2004-2006) u storja ta' inadempjenza simili għal dik tal-HDS kif muri fit-Tabella 3 hawn fuq (għall-2004-2006). Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dawn il-kumpaniji, in-natura tal-produzzjoni militari tal-HDS u l-attività tal-kliment ewlieni tagħha, jiġifieri l-Forzi Armati Griegi, setgħu jitqiesu mill-banek Griegi bħala raġuni kummerċjali addizzjonali biex jipprovdu finanzjament lill-HDS. Minn dan isegwi li f'dan il-każ id-data tas-suq minnha nnifisha ma tippovdix indikazzjoni robusta u punt ta' riferiment preċiż tal-kost li bih l-HDS setgħet tikseb l-istess self bejn l-2004 u l-2006 skont il-kundizzjonijiet tas-suq.
- (86) Għalhekk, sabiex jiġi determinat dak il-kost ipotetiku tal-finanzjament mis-suq għas-sitt selfiet mogħtija matul is-snin 2004-2006 (jiġifieri s-self numru 2, 3, 4, 7, 8 u 9 murija fit-Tabella 2), il-Kummissjoni qieset ukoll l-indikazzjonijiet fil-Komunikazzjoni dwar ir-rati ta' referenza u ta' skont ("il-Komunikazzjoni tal-2008") (¹⁸).
- (87) Minħabba l-qagħda finanzjarja tal-HDS fl-2004-2006 kif muri fid-data finanzjarja tal-HDS fit-Tabella 1 u l-fatt li l-awtoritajiet Griegi ma setgħu jipprovdu lill-Kummissjoni bl-ebda pjan li juri b'mod kredibbli żviluppi pożittivi għall-futur tal-kumpanija, l-affidabbiltà kreditizja tal-HDS (klassifikazzjoni) trid titqies bħala l-inqas waħda mill-ħames klassifikazzjonijiet possibbli previsti fil-Komunikazzjoni tal-2008, jiġifieri "*Ħażina/Diffikultajiet Finanzjarji (CCC u inqas)*". Barra minn hekk, is-self inkwistjoni ma kellu l-ebda kollateral u għalhekk kellu jiġi kkwalifikat bħala "*kollateral baxx*" fl-iskala ta' tliet stadji prevista fil-Komunikazzjoni tal-2008. Ir-rata tal-imgħax tas-suq għandha għalhekk tiġi kkalkulata għal kull self bħala riżultat tas-somma tal-IBOR għal sena waħda, fiż-żmien meta nqas s-self flimkien ma' 1 000 punt bażi kif definit fil-Komunikazzjoni tal-2008.
- (88) F'dan il-każ l-affidabilità tar-riżultat tal-kalkolu ta' hawn fuq tkompli tiġi kkonfermata f'dan il-każ mill-fatt li dan ir-riżultat huwa fi ħdan il-meded tal-firxiet ta' CDS u rendimenti ta' bonds identifikati fil-premessi 58 u 59.
- (89) Għalhekk, l-ammont tal-vantaġġ marbut mal-garanziji mogħtija mill-Istat għas-self li l-HDS kisbet matul is-snin 2004-2006 (kif identifikat fil-premessa 87 hawn fuq) għandu jiġi kkalkulat separatament għal kull self skont il-metodoloġija li ġeja: id-differenza bejn: (i) ir-rata tal-imgħax tas-suq ibbażata fuq il-Komunikazzjoni tal-2008 ikkalkulata kif spjegat fil-premessa 87 applikata għall-kapital tas-self, u (ii) il-kost reali tal-finanzjament dovut

(¹⁷) F'dan ir-rigward ara wkoll l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji, b'mod partikolari t-taqsimi 4.2 (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10).

(¹⁸) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6).

mill-HDS filwaqt li titqies ir-rata tal-imgħax applikata mill-banek fuq il-kapital tas-self u l-primjum ta' garanzija ta' 1 % applikat mill-Istat (ara t-Tabella 2), ikkalkulat u impost għall-perjodu li matulu l-ammonti differenti tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-HDS.

- (90) Min-naħa l-oħra, il-qagħda finanzjarja tal-HDS kienet sostanzjalment differenti fil-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2011. Skont it-Tabella 1, fl-2007, l-HDS tilfet terz mill-fatturat tagħha meta mqabbel mas-snin preċedenti, ġarrbet telf (qligħ negattiv qabel it-taxxa "QQT") id-doppju tal-fatturat tagħha, kellha ekwità negattiva ta' aktar minn erba' darbiet tal-fatturat tagħha u telf ta' kważi disa' darbiet tal-fatturat tagħha fis-snin preċedenti. L-ekwità negattiva proprja tal-HDS fl-2007 saret kważi erba' darbiet ogħla minn dik fl-2006, biex b'hekk ma stabbilizzatx biss dak l-iżvilupp negattiv iżda żdiedet bil-bosta l-intensità tiegħu. Wara l-2007, id-data finanzjarja kompliet tiddeterjora b'mod sinifikanti. Bil-mod il-fatturat tal-HDS naqas għal EUR 39 miljun fl-2011 minn EUR 95 miljun fl-2006, filwaqt li t-telf tas-snin preċedenti akkumula għal EUR 1 131 miljun fl-2011, meta mqabbel ma' EUR 443 miljun fl-2006. Fl-2011, l-HDS kellha ekwità negattiva ta' kważi 14-il darba tal-fatturat tagħha u t-telf tas-snin preċedenti kien kważi 29 darba l-fatturat tagħha. Barra minn hekk, it-Tabella 3 turi li mill-2007 l-ammonti li fuqhom l-HDS kienet inadempjenti laħqu ammonti ta' miljuni ta' EUR b'ċifri doppji, b'żieda konsistenti minn EUR 15-il miljun fl-2007 għal EUR 90 miljun fl-2011.
- (91) Fid-dawl ta' din l-evidenza, il-Kummissjoni tqis li mill-2007, ir-riskju ta' inadempjenza tal-HDS fuq self li ma kienx kollateralizzat kien tant għoli li, fin-nuqqas tal-garanziji tal-gvern, ma setgħetx tikseb tali self mis-suq bl-ebda rata. Tabilħaqq, l-ebda mutwanti tas-suq ippreżentat bid-data finanzjarja tal-HDS fil-perjodu ta' bejn l-2007-2011 u l-istorja ta' inadempjenza tagħha ma kien jaqbel li jipprovdi xi finanzjament mingħajr garanzija solida jew kollateral lill-HDS, minħabba li kull mutwanti tas-suq kien jantiċipa t-telf eventwali ta' dan il-finanzjament. Min-naħa l-oħra, wara l-2007 l-ebda garanti tas-suq ma kien jipprovdi xi garanzija lill-mutwanti fuq is-self lill-HDS mingħajr primjums ta' darba bil-quddiem ta' 100 % għall-kapital tas-self, li tagħmel tajjeb għat-telf li l-garanti jkun se jiffaċċja b'ċertezza meta, illum jew għada, l-HDS tispiċċa inadempjenti. Għalhekk, l-element ta' għajjnuna fil-garanziji tal-gvern li ngħataw lill-HDS fil-perjodu ta' bejn l-2007-2011 huwa ekwivalenti għal primjum ta' garanzija ta' darba ugħali għall-ammont sħiħ tal-kapital tas-self garantit u impost bil-quddiem meta ngħatat kull garanzija, nieqes il-primjum ta' garanzija attwalment imħallas mill-HDS fuq kull self ⁽¹⁹⁾.
- (92) Il-Kummissjoni tieħu nota tal-kjarifika tal-awtoritajiet Griegi fir-rigward tal-ammont li attwalment tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-HDS fir-rigward tas-self ta' EUR 30 miljun min-National Bank of Greece, mill-Alpha Bank u mill-EFG Eurobank fl-2011 (il-garanzija numru 10 fit-Tabella 2 hawn fuq) li kien ta' EUR 7 095 858, minflok ta' EUR 30 000 000 li oriġinarjament issemma fid-deċizzjoni tas-6 ta' Marzu 2013.
- (93) Il-Kummissjoni tieħu wkoll nota tal-kjarifika tal-awtoritajiet Griegi fir-rigward tal-garanzija tal-gvern għas-self ta' EUR 10 miljuni mit-Tbank fl-2011 (il-garanzija numru 11 fit-Tabella 2 hawn fuq), li skont huma s-self obligazzjonarju qatt ma nħareġ.
- (94) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li, anki jekk effettivament l-HDS kellha biss għad-dispożizzjoni tagħha EUR 7 095 858 mis-self numru 10 u EUR zero mis-self numru 11 fit-Tabella 2 hawn fuq, il-garanziji tal-gvern ingħataw għall-ammont sħiħ ta' EUR 40 miljun. Madankollu, l-ammonti tas-self realment maħruġa biss għandhom rwol għad-determinazzjoni tal-ammont ta' għajjnuna li għandha tiġi rkuprata, kif spjegat fil-premessa 135 ta' din id-deċizzjoni. Fir-rigward tad-dati tal-għoti, dawn huma pprovduti fit-Tabella 2 hawn fuq.
- (95) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li wħud mill-garanziji taħt il-miżura 1 intalbu jitħallsu u għalhekk l-Istat sar kreditur tal-HDS (miżura 3). Madankollu, jekk dawk l-inadempjenzi seħħewx wara li ngħatat il-garanzija rilevanti mhuwiex rilevanti għall-kwalifika tal-miżura bħala għajjnuna mill-Istat u għall-ammont totali ta' vantaġġ ekonomiku. Dan minħabba li t-talba għall-fidi ta' garanzija hija konsegwenza naturali tal-għoti ta' tali garanzija minn garanti. Fi kliem ieħor, il-vantaġġ ekonomiku ta' garanzija tal-gvern ipprezzata inqas mill-kundizzjonijiet tas-suq jinsab fid-differenza bejn il-primjum tal-garanzija mitlub mill-Istat u l-primjum li garanti tas-suq, jekk ikun hemm, kien jitlob. Għalhekk, vantaġġ possibbli fil-primjum ta' garanzija jista' jeżisti indipendentement minn jekk il-garanzija tintalabx titħallas u anki jekk is-self sottostanti jitħallas kif suppost u l-mutwanti ma jitlobx il-fidi tal-garanzija. Madankollu, sal-punt li l-inadempjenzi kienu diġà seħħew meta jingħataw garanziji ġodda, garanti tas-suq kien iqis dawk l-inadempjenzi passati tal-HDS u talanqas kien jirrifletti r-riskju ogħla fit-tariffa tal-garanzija li għandha titħallas mill-HDS fuq self ġdid, jew ma kienx jipprovdi garanzija jew self ⁽²⁰⁾.

⁽¹⁹⁾ Ara l-Kawża C-334/99, *Il-Ġermanja vs il-Kummissjoni* EU:C:2003:55, il-paragrafu 138; Il-Kawża C-288/96 *Il-Ġermanja vs il-Kummissjoni* EU:C:2000:537, il-paragrafi 30-31.

⁽²⁰⁾ Ara l-premessa 90 ta' din id-Deċizzjoni.

- (96) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li l-argument imressaq mill-awtoritajiet Griegi li minħabba raġunijiet ta' sigurtà l-HDS ma setgħetx tipprovdi kollateral għas-self rilevanti mhuwiex rilevanti sabiex il-garanziji li jikkostitwixxu l-miżura 1 jikkwalifikaw bħala għajjnuna mill-Istat. Peress li l-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat huwa kunċett oġġettiv, mhuwiex rilevanti għalix l-HDS ma setgħetx tipprovdi kollateral, iżda sempliċiment li l-HDS ma kinitx tkun tista' tikseb is-self deskritt fit-Tabella 2 bl-istess termini mingħajr il-garanziji. Mill-banda l-oħra, is-self mhux kollateralizzat huwa aktar riskjuż għall-mutwanti minn dak kollateralizzat u, għalhekk, jattira rata ta' imgħax ogħla li tagħmel tajjeb għar-riskju meħud. Dan il-fatt oġġettiv huwa rifless fir-rata tal-imgħax ikkalkulata skont il-Komunikazzjoni tal-2008, li hija proporzjonalment inversa għall-kwalità tal-kollateral provdut.
- (97) Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura 1 tat vantaġġ lill-HDS li jikkorrispondi għall-ammont ikkalkulat fuq il-bażi tal-metodoloġija spjegata, għall-garanziji mogħtija għal self miksub matul il-perjodu ta' bejn l-2004-2006, fil-premessa 89 hawn fuq, u għal garanziji mogħtija għal self miksub fil-perjodu ta' bejn l-2007-2011, fil-premessa 91 hawn fuq.
- (98) Fir-rigward tal-argumenti tal-awtoritajiet Griegi miġbura fil-qosor fil-premessi 33 u 34 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni tqis li d-diffikultajiet finanzjarji ta' ditta għandhom jiġu vvalutati b'mod oġġettiv fuq il-bażi tal-indikaturi finanzjarji u ekonomiċi tad-ditta speċifika inkwistjoni. Għalhekk, ir-raġunijiet wara d-diffikultajiet finanzjarji ma għandhomx, bħala tali, inaqqsu l-livell ta' serjetà ta' dawk id-diffikultajiet finanzjarji, kif muri mill-indikaturi finanzjarji u ekonomiċi rilevanti ⁽²¹⁾.

5.2.1.4. Effett fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri

- (99) Il-miżuri inkwistjoni ppermettew lill-HDS tiffinanzja kemm il-produzzjoni militari kif ukoll dik ċivili tagħha b'rati inqas minn dawk normali tas-suq. Il-miżuri inkwistjoni għalhekk jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni, minħabba li kumpaniji oħra attivi fl-istess swieq kellhom jiffinanzjaw l-operazzjonijiet tagħhom skont kundizzjonijiet tas-suq u joperaw mingħajr appoġġ simili mill-Istat.
- (100) Barra minn hekk, irrispettivament mir-rilevanza tal-produzzjoni militari tal-HDS għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Greċja, l-HDS kienet attiva f'settur li fih il-prodotti għall-użu ċivili jiġu nnegozjati bejn l-Istati Membri.
- (101) Konsegwentement, il-miżura 1 kienet kapaċi taffettwa l-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

5.2.1.5. Il-konklużjoni fir-rigward tal-eżistenza ta' għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE għall-miżura 1.

- (102) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-garanziji definiti bħala miżura 1, mogħtija lill-HDS mill-Greċja u deskritti fil-premessi 15 sa 16, jikkostitwixxu, safejn dawn kienu ta' benefiċċju għall-attivitatijiet ċivili tal-HDS, għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

5.2.2. Miżura 3: Żidiet kapitali tal-2011

5.2.2.1. Riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà

- (103) Il-Kummissjoni tinnotta li ż-żidiet kapitali inkwistjoni ngħataw mill-Istat Grieg. Għalhekk l-għoti tal-miżura 3 hija imputabbli għall-Istat Grieg u hija ffinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat.
- (104) Fir-rigward tal-ammont tar-riżorsi tal-Istat involuti, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-awtoritajiet Griegi li parti miż-żidiet kapitali jenħtieġ li ma tingħaddx fil-miżura 3, minħabba li din kienet il-kapitalizzazzjoni tad-djun bħala riżultat tat-talba għall-fidi tal-garanziji tal-gvern (il-miżura 1). Dan huwa minħabba li l-kapitalizzazzjoni tad-dejn bħala riżultat ta' talba għall-fidi ta' garanzija mhijiex konverżjoni awtomatika, iżda pjuttost deċiżjoni attiva mill-Istat biex ma jinfurzax dak id-dejn.

⁽²¹⁾ Ara s-sentenza reċenti fil-Kawża T-220/14, *Saremar vs il-Kummissjoni* EU:T:2017:267, il-paragrafu 175.

- (105) Tali konverżjoni timplika telf ta' valur potenzjali, meta wieħed iqis li l-Istat biddel il-pożizzjoni tiegħu minn kreditur għal dik ta' azzjonist, u b'hekk irrinunzja għal riżorsi tal-Istat fil-forma ta' dejn li ddeċieda li ma jinforzax. Barra minn hekk, ma hemmx dubju li, f'każ ta' likwidazzjoni potenzjali tal-kumpanija, azzjonist ikun anqas probabbli li jiġbor il-kapital tiegħu minn kreditur, u għalhekk l-effett tal-konverżjoni tad-dejn dovut lill-Istat f'kapital huwa r-rinunzja ta' riżorsi potenzjali tal-Istat.

5.2.2.2. Selettività

- (106) Peress li l-miżura ġiet ipprovduta lil impriża individwali, jiġifieri l-HDS, il-Kummissjoni tikkonkludi li kienet selettiva.

5.2.2.3. Eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku

- (107) Kif intqal hawn fuq, vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE huwa kwalunkwe benefiċċju ekonomiku li impriża ma setgħetx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda evidenza konvinċenti mill-awtoritajiet Griegi li tiġġustifika l-argument tagħhom li peress li l-Istat aġixxa bħala investitur raġonevoli tas-suq, iż-żidiet kapitali inkwistjoni nksibu taħt kundizzjonijiet normali tas-suq u għalhekk ma setgħux jikkostitwixxu vantaġġ.
- (108) Il-Kummissjoni tosserva li d-diversi żidiet kapitali sottoskritti matul l-2011 bejn Mejju 2011 u Diċembru 2011 mill-Istat Grieg bħala azzjonist ma kienu sostnuti mill-ebda analiżi prospettiva ta' redditu fuq l-allegat investment li investitur razzjonali kien jeżamina u jqis qabel jiddeċiedi dwar l-investment. Kif spjegat mill-Greċja, iż-żidiet kapitali saru bil-għan li tiġi żgurata l-vijabbiltà tal-HDS minħabba r-rwol deċiżiv tagħha fid-difiża u fis-sigurtà nazzjonali. F'kull każ, l-ammont taż-żidiet kapitali ma kienx biżżejjed biex ikopri l-ekwità negattiva tal-HDS u, għalhekk, ma jistax jitqies bħala miżura li tiproteġi l-valur tal-kumpanija u li tappoġġa r-ristrutturar tagħha.
- (109) F'dan ir-rigward, mill-informazzjoni trażmessa mill-Greċja jirriżulta li ma hemm ebda evidenza li l-Istat wettaq xi analiżi ekonomika *ex ante* dwar jekk il-konverżjoni tat-talbiet f'kapital bħala riżultat tat-talba għall-fidi tal-garanziji kinitx ekonomikament aktar vantaġġuża miż-żamma jew mill-inforzar ta' dawk it-talbiet. Normalment kreditur tas-suq jeżamina liema kors ta' azzjoni huwa ekonomikament aktar vantaġġuż qabel ma jiddeċiedi dwaru.
- (110) Għall-valutazzjoni dwar jekk l-Istat kienx ta vantaġġ lill-HDS meta pprova iż-żidiet kapitali inkwistjoni, irid jiġi stabbilit jekk kienx aġixxa bl-istess mod bħal operatur li jopera f'ekonomija tas-suq f'sitwazzjoni simili. Tali operatur f'ekonomija tas-suq ma kienx iqis kunsiderazzjonijiet ta' politika pubblika. Għalhekk f'dan ir-rigward, l-argument ippreżentat mill-awtoritajiet Griegi dwar il-preservazzjoni ta' kumpanija li hija rilevanti għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-pajjiż jista' għalhekk ma jitqies bħala kunsiderazzjoni li investitur f'ekonomija tas-suq kien iqisha u, bħala tali, mhuwiex rilevanti għall-valutazzjoni taż-żidiet kapitali inkwistjoni.
- (111) Anki fin-nuqqas ta' evidenza kontemporanja li l-awtoritajiet Griegi wettqu l-analiżi msemmija fil-premessa 108, huwa ċar miċ-ċifri disponibbli li l-konverżjoni kienet inqas vantaġġuża mill-*istatus quo* taż-żamma tal-pretensjonijiet ta' debitu. Fil-fatt, l-ammont ta' obligazzjonijiet għal terminu twil u għal terminu qasir dovut fl-2011 mill-HDS kif irrapportat fil-karta bilanċjali tagħha kien ta' EUR 1 008 miljuni. Minħabba l-ekwità diġà negattiva ta' EUR 537 miljun irreġistrata fl-istess sena u l-inkapaċità li jinbiegħu l-assi militari tal-kumpanija, x'aktarx l-Istat ma kien jirkupra l-ebda parti miż-żieda fl-ekwità li tlaħħaq il-EUR 154,19 miljun f'każ ta' likwidazzjoni tal-kumpanija jew ta' kontinwazzjoni mingħajr prospetti ta' redditu. Għaldaqstant kreditur tas-suq kien iżomm il-pretensjonijiet ta' dejn li inevitabilment kellhom probabbiltà ogħla, minkejja baxxa, li jipproduċu redditu pożittiv milli mill-konverżjoni f'ekwità. Pretensjonijiet ta' dejn (anke dawk mhux garantiti) huma kklassifikati ogħla, f'termini ta' prijorità tal-kredituri, minn pretensjonijiet tal-azzjonisti.
- (112) L-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis* għall-injezzjoni ta' kapital ġdid addizzjonali li jlaħħaq l-EUR 4 miljun. Fin-nuqqas tal-ebda prospettiva ta' redditu *ex ante*, l-ebda investitur tas-suq ma kien jirrinunzja għall-ammonti sottoskritti. Dan joħroġ mill-fatt li l-awtoritajiet Griegi naqsu milli jipprovdwu xi analiżi ekonomika *ex ante* ta' profittabilità futura u anke mill-analiżi tal-prestazzjoni finanzjarja tal-passat u attwali tal-HDS f'termini ta' redditu attwali jew potenzjali għall-azzjonisti muri fit-Tabella 1. Tassew, mill-prestazzjoni finanzjarja tal-HDS

mill-2004 'l hawn huwa evidenti li l-kumpanija ma pprovdiet l-ebda redditu f'termini ta' dividendi mill-kapital investit. Sadanittant, sal-2011, l-ekwità tal-azzjonisti marret minn kemmxejn pożittiva (EUR 41 miljun) għal sinifikament negattiva (nieqes EUR 537 miljun), u b'hekk ikkonsmat il-kapital kollu investit mill-azzjonisti u, fin-nuqqas ta' pjan kredibbli ta' ristrutturar tan-negozju, ikkanċellat kwalunkwe aspettattiva ipotetika ta' żieda futura fil-valur tal-azzjenda.

- (113) Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li investitur raġonevoli fis-suq ma kienx jipparteċipa fiż-żidiet fil-kapital azzjonarju tal-HDS taħt dawk il-kundizzjonijiet, b'mod partikolari mingħajr pjan kredibbli ta' ristrutturar tan-negozju li juri prospett *ex ante* li l-HDS terġa' lura għall-vijabbiltà kif ukoll redditu adegwat fuq l-investment għall-Istat bħala azzjonist u kwalunkwe prospett prevedibbli ta' tali redditu miċ-ċifri pprovduti mill-Greċja. Bħala tali, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-parteċipazzjoni tal-Istat fiż-żidiet kapitali tal-2011 tat vantaġġ lill-benefiċjarju, li jikkorrispondi għall-ammont sħiħ taż-żidiet kapitali. Is-segmenti tal-miżura u d-dati tal-għoti huma mogħtija fit-Tabella 4.

5.2.2.4. Effett fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri

- (114) Il-Kummissjoni tqis li għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi (99) u (100), il-miżura 3 kienet kapaċi taffettwa l-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

5.2.2.5. Il-konklużjoni fir-rigward tal-eżistenza ta' għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE għall-miżura 3

- (115) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li ż-żidiet kapitali definiti bħala miżura 3, mogħtija lill-HDS mill-Greċja u deskritti fil-premessi (42) sa (47), jikkostitwixxu, safejn dawn ibbenefikaw l-attivitajiet ċivili tal-HDS, għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

5.2.3. Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajjnuna mill-Istat

- (116) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq u safejn il-miżuri 1 u 3 kienu ta' benefiċċju għall-produzzjoni ċivili tal-HDS, il-Kummissjoni tqis li jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

5.3. Għajjnuna illegali

- (117) Il-Miżuri 1 u 3 jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat u ngħataw bi ksur tal-obbligi ta' notifika u ta' sospensjoni stabbiliti fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Konsegwentement, dawn il-miżuri jikkostitwixxu għajjnuna illegali mill-Istat.

5.4. Kompatibbiltà tal-għajjnuna

- (118) Il-projbizzjoni ta' għajjnuna mill-Istat prevista fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE la hija assoluta u lanqas inkondizzjonata. B'mod partikolari, il-paragrafu 2 u 3 tal-Artikolu 107 tat-TFUE jikkostitwixxu bażijiet legali li jippermettu li ċerti miżuri ta' għajjnuna jitqiesu kompatibbli mas-suq intern.
- (119) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa kompitu tal-Istat Membru li jinvoka raġunijiet possibbli ta' kompatibbiltà u li juri li l-kundizzjonijiet għal tali kompatibbiltà huma ssodisfati ⁽²²⁾.
- (120) L-awtoritajiet Griegi ma invokaw l-ebda raġuni possibbli ta' kompatibbiltà. Insistew li l-miżuri 1 u 3 kienu mmirati esklussivament biex jappoġġjaw il-produzzjoni militari rilevanti għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Greċja u, fir-rigward tal-miżura 3, li fi kwalunkwe każ ma kinitx tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE peress li ma tat l-ebda vantaġġ lill-HDS iżda twettqet skont l-imġiba ta' investitur li jopera f'ekonomija tas-suq.

⁽²²⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' April 1993, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, C-364/90, ECLI:EU:C:1993:157, il-paragrafu 20.

- (121) Madankollu, minħabba li l-miżuri jkkostitwixxu għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li xorta waħda tivvalutahom fir-rigward tal-kompatibilità tagħhom skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, li jstabbilixxi li: “għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta’ ċerti attivitajiet jew ta’ ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni” tista’ titqies bħala kompatibbli mas-suq intern.
- (122) Sabiex l-għajnuna tkun kompatibbli mas-suq intern skont dan l-Artikolu, l-għajnuna trid tilħaq objettiv ta’ interess komuni definit b’mod ċar, tkun neċessarja u proporzjonata għal dan l-objettiv, ikollha effett ta’ inċentiv, ma tridx taffettwa l-kompetizzjoni u l-kummerċ intra-UE sal-punt li jmur kontra l-interess komuni u tikkonforma mal-prinċipji ta’ trasparenza.
- (123) Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li ma tista’ tidentifika l-ebda objettiv ta’ interess komuni li seta’ ġie segwit mill-għajnuna, li, kif intqal hawn fuq, lanqas ma ġie kkontestat mill-awtoritajiet Griegi. Anki kieku l-HDS kellha titqies bħala impriża f’diffikultà, f’liema każ il-kompatibilità tal-għajnuna jkollha tiġi vvalutata skont il-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, il-Kummissjoni tosserva li huwa ċar li l-kundizzjonijiet tal-kompatibilità skont dawn il-Linji Gwida mhumiex issodisfati għall-miżura 1 (Garanziji tal-gvern) kif ukoll għall-miżura 3 (żidiet kapitali).
- (124) L-għajnuna ma ntemmitx wara sitt xhur u l-awtoritajiet Griegi ma nnotifikawx, jew tabilħaqq fasslu, pjan ta’ ristrutturar sabiex jerġa’ jkun hemm il-vijabbiltà tal-kumpanija, filwaqt li ma ġiet implimentata l-ebda miżura ta’ kumpens sabiex jittaffew id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li nħolqu mill-għajnuna. Ma hemmx evidenza li l-għajnuna kienet limitata għall-minimu meħtieġ, b’mod partikolari permezz ta’ kontribuzzjoni proprja sinifikanti mill-benefiċjarju tal-għajnuna. Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet lanqas ma pprovdew pjan ta’ likwidazzjoni.
- (125) Il-Kummissjoni ma identifikat l-ebda raġuni possibbli oħra għall-kompatibilità tal-miżuri 1 u 3.
- (126) Fid-dawl ta’ dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna mill-Istati li nġhatat lill-HDS permezz tal-miżuri 1 u 3 hija inkompatibbli mas-suq intern.

5.5. L-ammont tal-għajnuna li għandu jiġi rkuprat

- (127) Skont it-Trattat u l-ġurisprudenza stabbilita, il-Kummissjoni għandha l-kompetenza li tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat irid jabolixxi jew jibdel l-għajnuna meta ssib li din tkun inkompatibbli mas-suq intern ⁽²³⁾. Il-Qorti sostniet ukoll b’mod konsistenti li l-obbligu fuq Stat Membru li jabolixxi għajnuna li l-Kummissjoni tqisha inkompatibbli mas-suq intern huwa mfassal biex jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni kif kienet teżisti qabel ⁽²⁴⁾.
- (128) F’dan il-kuntest, il-Qorti stabbiliet li dan l-objettiv jintlaħaq ladarba r-riċevitur ikun ħallas lura l-ammonti mogħtija bħala għajnuna inkompatibbli, u b’hekk jitlef il-vantaġġ li jkun gawda fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq filwaqt li terġa’ tiġi fis-seħħ is-sitwazzjoni ta’ qabel il-ħlas tal-għajnuna ⁽²⁵⁾.
- (129) Skont il-każistika, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ⁽²⁶⁾ jstabbilixxi li “(f)ejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f’każijiet ta’ għajnuna kontra l-liġi, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju [...]”.
- (130) Konsegwentement, peress li l-miżura 1 u l-miżura 3 ġew implimentati bi ksur tal-Artikolu 108 tat-TFUE u għandhom jitqiesu bħala għajnuna li hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern, l-ammont tal-vantaġġ indebitu li tħallas abbażi ta’ dawk il-miżuri għandu jiġi rkuprat sabiex terġa’ tiġi stabbilita s-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel ma nġhatat l-għajnuna. Bħala tali, l-irkupru għandu jkopri l-perjodu li matulu l-benefiċjarju nġhata l-vantaġġ; jiġifieri minn meta l-għajnuna saret disponibbli għall-benefiċjarju sakemm ġiet effettivament irkuprata.

⁽²³⁾ Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta’ Lulju 1973, *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja*, C-70/72, ECLI:EU:C:1973:87, il-paragrafu 13.

⁽²⁴⁾ Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta’ Settembru 1994, *Spanja vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-278/92, C-279/92 u C-280/92, ECLI:EU:C:1994:325, il-paragrafu 75.

⁽²⁵⁾ Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta’ Ġunju 1999, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, C-75/97, ECLI:EU:C:1999:311, il-paragrafi 64 u 65.

⁽²⁶⁾ Ir-regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta’ Lulju 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

Għaldaqstant l-ammonti li jridu jiġu rkuprati jenħtieġ li jinkludu l-imgħaxijiet dovuti sal-mument tar-rimborż effettiv. Skont il-każistika rilevanti, l-imgħax ta' rkupru jibda jiddekorri mid-data li fiha l-ghajjnuna kienet effettivament saret disponibbli għall-benefiċjarju ⁽²⁷⁾.

- (131) Madankollu, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-parti tal-produzzjoni tal-HDS li tikkonċerna materjal militari tista' titqies li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE. Sa fejn il-miżuri 1 u 3 kienu ta' benefiċċju għal din il-parti tal-produzzjoni, dawn huma eżentati minn valutazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-ghajjnuna mill-Istat. Għalhekk, hemm bżonn li l-finanzjament pubbliku jinqasam bejn iż-żewġ partijiet tal-produzzjoni, jiġifieri dik militari u dik ċivili, sabiex ikun jista' jiġi stabbilit l-ammont ta' ghajjnuna inkompatibbli li għandu jiġi rkuprat mill-parti ċivili.
- (132) Sabiex jiġi determinat sa liema punt l-ghajjnuna mill-Istat identifikata fil-miżuri 1 u 3 kienet ta' benefiċċju għall-produzzjoni ċivili fin-nuqqas ta' kontijiet separati, il-Kummissjoni, abbażi ta' każistika rilevanti ⁽²⁸⁾, se tibbaża ruħha fuq indikatur u se tqis id-diviżjoni bejn il-bejgħ ta' prodotti militari mill-HDS u dak ta' prodotti ċivili, u se talloka kif xieraq il-vantaġġ li jirriżulta mill-miżuri 1 u 3.
- (133) Il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li tuża l-perċentwal tal-bejgħ ta' prodotti militari u ċivili għall-perjodu bejn l-2004-2011 kif ipprovdut mill-awtoritajiet Griegi (ara l-premessa 24 hawn fuq) peress li jkopri l-perjodu li matulu ngħataw il-miżuri. Matul dan il-perjodu, il-produzzjoni militari kienet tirrappreżenta 94,34 % tal-bejgħ, filwaqt li l-produzzjoni ċivili kienet tirrappreżenta 5,66 %.
- (134) Fir-rigward tal-miżura 1, dan ifisser li l-ghajjnuna mill-Istat li ngħatat fir-rigward tal-attività ċivili, li għandha tiġi rkuprata bħala ghajjnuna inkompatibbli, tikkorrispondi għal 5,66 % tal-ammont ikkalkulat abbażi tal-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-vantaġġ ekonomiku spjegat fil-premessa 89 għall-garanziji mogħtija għas-self miksub fil-perjodu ta' bejn l-2004-2006 u fil-premessa 91 għall-garanziji mogħtija għas-self miksub fil-perjodu ta' bejn l-2007-2011. Il-vantaġġ seħħ fil-forma ta' ħlasijiet ta' tariffi ta' garanziji aktar baxxi. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-ghajjnuna tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju fiż-żmien meta t-tariffi ta' garanziji kienu dovuti mill-HDS oriġinali (jiġifieri qabel il-qasma bejn l-HDS ċivili u l-HDS militari).
- (135) Fir-rigward tal-partijiet tas-self garantit tal-2011 li ma ntużawx, ⁽²⁹⁾ il-Kummissjoni tosserva dan li geġ fir-rigward tal-kapital tas-self li jenħtieġ li jintuża fil-metodoloġija deskritta fil-premessa 91 ⁽³⁰⁾. Peress li l-Istat Grieg intrabat li jagħti garanziji għall-ammont sħiħ ta' EUR 40 miljun, il-garanzija trid titqies li ngħatat għal EUR 40 miljun. Tabilħaqq, fil-mument li fih l-Istat Grieg ħa dak l-impenn, l-HDS ingħatat id-dritt ġuridiku li tirċievi l-ghajjnuna abbażi tal-ammont ta' EUR 40 miljun li kellu jissellef. Madankollu, peress li l-HDS ma sseffitx l-ammont sħiħ ta' EUR 40 miljun, l-ghajjnuna jenħtieġ li titqies li tħallset biss għall-ammont li fil-fatt issellef taħt is-self garantit, jiġifieri EUR 7 095 858 għas-self numru 10 u zero għas-self numru 11. Għalhekk, filwaqt li l-ammont sħiħ ta' ghajjnuna li ngħata (anke jekk ma tħallasx) irid jitneħħa għall-futur, ⁽³¹⁾ għandu jintuża biss l-ammont li effettivament tħallas sal-lum fuq il-bażi ta' dak is-self garantit li għandu jintuża bħala l-kapital tas-self għall-kalkolu tal-ammont li għandu jiġi rkuprat abbażi tal-metodoloġija deskritta fil-premessa 91 ⁽³²⁾.
- (136) Għall-miżura 3, l-ghajjnuna korrispondenti mill-Istat li għandha tiġi rkuprata hija ta' EUR 8 953 593,86 ⁽³³⁾.
- (137) Fir-rigward tal-imgħax ta' rkupru, il-Kummissjoni tqis li dan għandu jiġi kkalkulat abbażi tad-dati li fihom l-ghajjnuna effettivament saret disponibbli jew immaterjalizzat għal kull miżura (il-garanzija jew iż-żieda kapitali).
- (138) Barra minn hekk, f'każ simili ⁽³⁴⁾ l-Kummissjoni qieset li l-irkupru ta' ghajjnuna inkompatibbli jenħtieġ li jiġi pprovdut biss mill-parti ċivili tal-kumpanija megħjuna, sabiex jiġi żgurat li l-irkupru ma jkunx kopert minn fondi li mill-banda l-oħra jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-attività militari ⁽³⁵⁾.

⁽²⁷⁾ Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Jannar 2002, *Keller u Keller Meccanica vs Il-Kummissjoni*, T-39/99, ECLI:EU:T:2002:19, il-paragrafi minn 106 sa 109.

⁽²⁸⁾ Ara l-premessi 55-60 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2009 dwar l-ghajjnuna mill-Istat C 47/2005 (ex NN 86/2005) mogħtija mill-*Greċja lill-Hellenic Vehicle Industry S.A. (ELVO)*, ĠUL 118, 12.5.2010, p. 81.

⁽²⁹⁾ Naturalment adattati biex jirriflettu l-parti mhux militari tal-attivitàjiet kif spjegat fil-premessa 134.

⁽³⁰⁾ Jiġifieri d-differenza bejn l-ammont sħiħ li għalih ingħatat garanzija, jiġifieri EUR 40 miljun, u l-ammont reali li kienet issellef, jiġifieri EUR 7 095 858. Ara l-premessi 92-94 hawn fuq.

⁽³¹⁾ Jiġifieri d-dritt għal żewġ garanziji tal-gvern bit-total ta' EUR 40 miljun.

⁽³²⁾ Jiġifieri l-ammont ta' EUR 7 095 858.

⁽³³⁾ EUR 158 190 704,21 × 0,0566.

⁽³⁴⁾ Ara *ELVO*, nota fqiegħ il-paġna 29 aktar 'il fuq.

⁽³⁵⁾ Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar *ELVO*, *ibid.*

- (139) F'dan il-każ, il-Kummissjoni tiegħu nota tal-qasma tal-HDS f'żewġ kumpaniji suċċessivi, jiġifieri l-HDS militari u l-HDS ċivili. Abbażi tal-allokazzjoni tal-assi u tal-kapaċità ta' produzzjoni (ara l-premessi 54–55), l-HDS ċivili hija s-suċċessur tal-produzzjoni ċivili tal-HDS. Dan huwa, b'mod partikolari, ibbażat fuq il-fatt li l-assi kollha relatati mal-produzzjoni ċivili tal-HDS oriġinali ġew ittrasferiti, globalment, lill-HDS ċivili, inklużi l-artijiet u l-faċilitajiet ta' produzzjoni, il-makkinarju, it-tagħmir, il-mezzi ta' trasport, il-prodotti lesti u dawk mhux lesti, il-materja prima u l-pretensjonijiet kollha minn klijenti tal-prodotti ċivili tal-HDS oriġinali. Barra minn hekk, jidher li l-obbligazzjonijiet ġew allokati f'konformità mal-allokazzjoni tal-assi bejn l-HDS militari u l-HDS ċivili. Għalhekk, l-għajjnuna inkompatibbli bħala riżultat tal-miżuri 1 u 3 trid tiġi rkuprata mid-dħul u mill-assi tal-HDS ċivili u għandha tiġi abolita kwalunkwe għajjnuna bħala riżultat tal-miżura 1 li xorta tista' sseħħ fil-futur.
- (140) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita l-fatt li impriżi jistgħu jkunu f'diffikultà jew falluti ma jaffettwax l-obbligu ta' rkupru ta' għajjnuna inkompatibbli ⁽³⁶⁾. F'dawn iċ-ċirkostanzi tista' fil-prinċipju tinkiseb is-sitwazzjoni tas-suq għal kif kienet qabel ma nġhatat l-għajjnuna, u għaldaqstant tiġi eliminata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni permezz tar-reġistrazzjoni tal-obbligazzjoni relatata mal-ħlas lura tal-għajjnuna fl-iskeda tal-obbligazzjonijiet ⁽³⁷⁾. Fil-każ li l-awtoritajiet tal-Istat ma jkunux jistgħu jirkupraw l-ammont kollu tal-għajjnuna, ir-reġistrazzjoni tal-obbligazzjoni tissodisfa l-obbligu ta' rkupru biss jekk il-proċeduri ta' falliment iwasslu għall-istralċ tal-impriża kkonċernata, jiġifieri l-waqfien definittiv tal-attività tagħha ⁽³⁸⁾.

6. KONKLUŻJONI

- (141) Il-miżura 2 hija eżentata mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajjnuna mill-Istat abbażi tal-Artikolu 346(1)(b) tiegħu. Anke l-partijiet tal-miżuri 1 u 3 imqassma fuq il-produzzjoni militari tal-HDS huma eżentati mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajjnuna mill-Istat abbażi tal-Artikolu 346(1)(b) tiegħu.
- (142) Il-miżuri 1 u 3, safejn kienu ta' benefiċċju għall-produzzjoni ċivili tal-HDS, jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Il-Greċja implimentat din l-għajjnuna mill-Istat b'mod illegali bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE u hija inkompatibbli mas-suq intern. L-ammonti mqassma fuq il-produzzjoni ċivili tal-HDS għandhom jiġu rkuprati.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għotja pubblika pprovduta mill-Greċja lil Hellenic Defense Systems SA fl-2003 għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' investiment għall-modernizzazzjoni tal-faċilità industrijali ta' Aeghion hija eżentata mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward l-għajjnuna mill-Istat abbażi tal-Artikolu 346(1)(b) tiegħu.

Il-miżuri mogħtija lil Hellenic Defense Systems SA., safejn il-miżura tirrigwarda l-produzzjoni militari tagħha, fil-forma ta' (i) Garanziji tal-gvern matul il-perjodu bejn l-2004-2011 u (ii) il-parteċipazzjoni tal-Istat fiż-żidiet kapitali tal-kumpanija fl-2011 huma eżentati mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward l-għajjnuna mill-Istat abbażi tal-Artikolu 346(1)(b) tiegħu.

Artikolu 2

L-għajjnuna mill-Istat mogħtija lil Hellenic Defense Systems SA., safejn il-miżura tirrigwarda l-produzzjoni ċivili tagħha, fil-forma ta' (i) Garanziji tal-gvern matul il-perjodu bejn l-2004-2011 u (ii) il-parteċipazzjoni tal-Istat fiż-żidiet kapitali tal-kumpanija fl-2011 inġhatat b'mod illegali mill-Greċja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u hija inkompatibbli mas-suq intern.

⁽³⁶⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Settembru 1994, *Spanja vs Il-Kummissjoni* ("Merco"), C-42/93, ECLI:EU:C:1994:326, il-paragrafu 33. Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Novembru 2011, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, C-496/09, ECLI:EU:C:2011:740, il-paragrafu 72.

⁽³⁷⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni* ("SMI"), C-277/00, ECLI:EU:C:2004:238, il-paragrafu 85.

⁽³⁸⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Diċembru 2012, *Il-Kummissjoni vs Spanja* ("Magefesa"), C-610/10, ECLI:EU:C:2012:781, il-paragrafu 104 u l-każistika ċċitata.

Artikolu 3

1. Il-Greċja għandha tirkupra l-għajnuna inkompatibbli msemmija fl-Artikolu 2 mis-suċċessur tal-benefiċjarju, jiġifieri l-Hellenic Civilian Production Systems Industrial Commercial Ltd.
2. L-ammonti li jridu jiġu rkuprati għandu jkollhom l-imgħax mid-data li fiha tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sal-irkupru effettiv tagħhom.
3. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq bażi komposta, f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ⁽³⁹⁾ u mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 ⁽⁴⁰⁾ li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.
4. Il-Greċja għandha tikkanċella l-pagamenti kollha pendenti tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 għandu jkun immedjat u effettiv.
2. Il-Greċja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

1. Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Greċja għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) l-ammont totali (il-kapital u l-imgħaxijiet ta' rkupru) li għandu jiġi rkuprat mingħand il-benefiċjarju;
 - (b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà tteħdu u li huma ppjanati sabiex tkun konformi ma' din id-Deċiżjoni;
 - (c) id-dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat iħallas lura l-għajnuna.
2. Il-Greċja għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata bil-progress tal-miżuri nazzjonali li tteħdu għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sakemm l-irkupru tal-għajnuna msemmi fl-Artikolu 2 ikun komplut. Hija għandha tissottotometti minnufih, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, l-informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu diġà tteħdu u dawk ippjanati sabiex tkun konformi ma' din id-Deċiżjoni. Għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti tal-għajnuna u l-imgħax ta' rkupru diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarju.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni

⁽³⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/1589 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

⁽⁴⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1).

III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 226/17/COL

tad-19 ta' Diċembru 2017

li n-Norveġja tinħeles mill-obbligu li tapplika, fil-każ ta' ċertu speċi, l-Att li ssir referenza għalih fil-punt 2 tal-Parti 1 tal-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-ġhalf [2018/564]

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat l-Att li ssir referenza għalih fil-punt 2 tal-Parti 1 tal-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"),

id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-ġhalf ⁽¹⁾ ("id-Direttiva 66/401/KEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 23a tagħha,

kif adattata għall-Ftehim ŻEE bil-punt 4(d) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ŻEE, l-Artikolu 5(2)(d) tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja u l-Artikoli 1(1)(c), 1(2) u 3 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja,

Wara li kkunsidrat l-applikazzjoni ppreżentata min-Norveġja fit-3 ta' Lulju 2017,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 66/401/KEE tistipula ċerti dispożizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-ġhalf, u tistipula fl-Artikolu 23a tagħha li Stat taż-ŻEE jista' jiġi totalment jew parzjalment meħlus mill-obbligu li japplika din id-Direttiva rigward ċerti speċi jekk iż-żerriegħa minn dawn l-ispeċi ma tkunx normalment riprodotta jew mqiegħda fis-suq fit-territorju tiegħu.
- (2) Fit-3 ta' Lulju 2017 in-Norveġja ppreżentat (Dok Nru 864007) applikazzjoni biex tinħeles mill-obbligu li tapplika d-Direttiva 66/401/KEE fil-każ ta' 22 speċi ġdida inklużi f'din id-direttiva permezz tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2109 tal-1 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE fir-rigward tal-inklużjoni tal-ispeċi ġodda u l-isem botaniku tal-ispeċi *Lolium x boucheanum* Kunth ⁽²⁾, li ssir referenza għaliha fil-punt 2 tal-Parti 1 tal-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE, peress li dawn l-ispeċi ma humiex normalment riprodotti jew imqiegħda fis-suq fin-Norveġja.
- (3) Għaldaqstant, u sakemm jibqgħu fis-seħħ daww il-kundizzjonijiet, in-Norveġja għandha tinħeles mill-obbligu li tapplika d-Direttiva 66/401/KEE fir-rigward ta' dawn l-ispeċi.
- (4) Tali ħeles mill-obbligu għandu jsir bla ħsara għat-tqegħid fis-suq fin-Norveġja ta' żerriegħa prodotti, skont id-Direttiva 66/401/KEE, f'Parti Kontraenti oħra tal-Ftehim ŻEE.
- (5) Il-miżuri li jsir provediment għalihom f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju u Fitosanitarju tal-EFTA.

⁽¹⁾ ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66.

⁽²⁾ ĠUL 327, 2.12.2016, p. 59.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

In-Norveġja hija b'dan meħlusa mill-obbligu li tapplika l-Att li ssir referenza għalih fil-punt 2 tal-Parti 1 tal-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 14(1), fil-każ tal-ispeċi li ġejjin:

- *Biserrula pelecinus*
- *Lathyrus cicera*
- *Medicago doliata*
- *Medicago italica*
- *Medicago littoralis*
- *Medicago murex*
- *Medicago polymorpha*
- *Medicago rugosa*
- *Medicago scutellata*
- *Medicago truncatula*
- *Ornithopus compressus*
- *Ornithopus sativus*
- *Plantago lanceolata*
- *Trifolium fragiferum*
- *Trifolium glanduliferum*
- *Trifolium hirtum*
- *Trifolium isthmocarpum*
- *Trifolium michelianum*
- *Trifolium squarrosum*
- *Trifolium subterraneum*
- *Trifolium vesiculosum*
- *Vicia benghalensis*

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lin-Norveġja.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija awtentika bl-Ingliż.

Magħmula fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2017.

Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA

Sven Erik SVEDMAN
Il-President

Helga JÓNSDÓTTIR
Membru tal-Kulleġġ

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT